MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 20/2007

**Maltacom plc u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2007 il-Qorti ordnat li wara isem is-socjeta` appellata jizdied il-kliem "illum GO p.l.c."**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni datat 20 ta' Lulju 2007 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi dan l-appell qed isir *a tenur* ta' l-**artikolu 41 ta' l-Att ghat-Twaqqif ta' Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta)** u dan peress illi l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

(izjed ‘il quddiem imsejha "l-Awtorita`") hasset ruhha aggravata minn partijiet tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjoni (izjed ‘il quddiem imsejjah bhala "il-Bord ta' l-Appelli") fl-ismijiet premessi moghtija fil-25 ta' Gunju 2007 (ara Dok. “PEM1” kopja tad-decizjoni), u precizament fir-rigward tal-paragrafi numri 10 sa 12 ta' l-imsemmija decizjoni, fejn il-Bord ta' l-Appelli ddecieda li jannulla parti mid-decizjoni moghtija mill-Awtorita` datata l-14 ta' Dicembru 2004 liema decizjoni kienet intitolata *"Interconnection Pricing Review 2004/2005 Decision Notice, December 2004"* (Il-Bord ta' l-Appelli jiccita s-sena b'mod zbaljat fejn minflok "2004/2005" ghamel riferenza ghas-sena "2005/2005") liema parti tad-decizjoni kienet tikkoncerna l-*access deficit contribution* (‘l hekk imsejjah 'ADC' u hawn izjed ‘il quddiem imsejjah b'dan il-mod).

Illi l-Awtorita` qieghda permezz tal-prezenti rikors ta' l-appell titlob riforma tad-decizjoni appellata fis-sens Ii jigu mhassra u revokati dawk il-partijiet gia’ citati – b'mod partikolari il-parti enumerata paragrafu 12 - ta' l-imsemmija decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli moghtija fil-25 ta' Gunju 2007 fejn allura l-Bord ta' I-Appelli annulla l-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` gia` citata fejn tikkoncerna l-ADC (ara l-paragrafu 12 tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli u l-paragrafi precedenti numri 9 sa 11 fejn il-Bord ta l-ispjega tieghu ghalfejn hass li ghandu jannulla dik il-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar I-ADC). Illi l-Awtorita` qed titlob li jsir dan kollu bi spejjez kontra s-socjeta` appellata l-Maltacom plc (hawn izjed ‘il quddiem imsejha bhala "il--Maltacom").

**Il-fatti tal-kaz.**

Illi l-Awtorita` f’Dicembru 2004 harget decizjoni ntitolata *"Interconnection Pricing Review – 2004/05 – decision notice"* (ara d-Dok. “MLC 4” anness mar-rikors ta' appell maghmul ghan-nom tal-Maltacom quddiem il-Bord ta' l-Appelli).

Illi precedentament bhala parti mill-process ta' dan ir-*Review* da parti ta' l-Awtorita`, qabel allura ma l-Awtorita` tat id-decizjoni taghha, l-Maltacom issottomettiet l-

*interconnection termination rates* taghha lill-Awtorita` (l-*interconnection termination rates* huma r-rati li l-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici (*ossia* dan li qabel kien jissejjah bhal telekomunikazzjoni) iridu jhallsu lil xulxin, meta abbonat ta' xi operatur iccempel abbonat ta' operatur iehor).

Illi fid-decizjoni taghha l-Awtorita` ppublikat ir-rizultanzi tar-*review* li ghamlet fir-rigward ta' *interconnection termination rates* ghal Maltacom u l-Vodafone Malta Ltd., u tat l-ewwel *cost-oriented interconnection termination rates* ghal GO Mobile, kif wkoll l-ewwel *interconnection call origination rates* ghal Maltacom, liema rati lkoll dahlu fis-sehh fil-1 ta' Ottubru 2004 u dan bhala rizultat ta' decizjoni ta' l-Awtorita` gia` citata.

Illi r-rati ta' *interconnection* kif riveduti f'din id-decizjoni ta' l-Awtorita` kienu jirriflettu tnaqqis sostanzjali mir-rati ghal-perjodu 2003/2004 ghall-operaturi koncernati. Dan it-tnaqqis kien sar a bazi tal-htiega li r-rati ta' *interconnection* ikunu iffissati skond il-principji bazici ta' *cost orientation* u ta' efficjenza.

Illi l-Maltacom sussegwentement ikkontesta partijiet minn din id-decizjoni ta' l-Awtorita`, billi ntavolat appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli fejn allura talbet lil Bord ta' l-Appelli biex:-

(1) ihassar, jirrevoka u jannulla l-partijiet tad-decizjoni gia` citata fejn l-Awtorita` ma approvatx l-ADC u biex tirriduci a bazi ta' *efficiency adjustments*, l-*interconnection rates* u l-*call origination rates* kif sottomessi mill-Maltacom;

(2) japprova l-*interconnection termination rates* kif originarjament sottomessi mill-Maltacom plc bl-aggustament tal-*Weighted Average Cost of Capital ('WACC')* kif stabbilit fid-decizjoni ta' l-Awtorita` u japprova l-*call origination rates* kif originarajmanet sottomessi mill-Maltacom;

(3) jikkonferma l-istess decizjoni ta' l-Awtorita` ghall-kumplament.

Illi l-Maltacom in sostenn tat-talbiet taghha, issollevat tliet aggravji u cioe':-

a) li l-Awtorita` aggixiet *ultra vires* u ma segwietx il-procedura kif stabbilita fil-**Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta**;

b) li l-Awtorita` ma approvatx li l-*call termination rates* tal-Maltacom ghandhom jinkludu fihom l-ADC;

c) li l-Awtorita` ghamlet "*efficiency adjustments*" fl-*interconnection termination rates* u fil-*call origination rates* sottomessi mill-Maltacom lill-Awtorita`, u dan wara li l-Awtorita` kkumparat ir-rati sottomessi mar-rati approvati fi stati membri ohra ta' l-Unjoni Ewropea.

Illi l-Awtorita` fir-risposta taghha opponiet ghal dawn it-talbiet inkluz, kif ser jigi spjegat iktar `il quddiem f'dan ir-rikors, ghall-ewwel talba, u wiegbet ghall-aggravji kollha kif sollevati mill-Maltacom.

Illi l-Bord ta' l-Appelli fil-25 ta' Gunju 2007 ta decizjoni fejn annulla l-parti tad-decizjoni gia` citata ta' l-Awtorita` li kienet tikkoncerna l-ADC, waqt li l- istess Bord ma laqax l-aggravji l-ohra maghmula mill-Maltacom.

**L-aggravji ta' l-Awtorita`**

Illi l-aggravju ta' l-Awtorita` huwa limitatament ghal dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli li ttirrigwarda l-annullar tal-partijiet tad-decizjoni ta' l-Awtorita` tal-14 ta' Dicembru 2004 gia` citata li tikkoncerna l-*access deficit contribution ('ADC'),* huwa car u manifest u jirrigwarda punti ta' ligi naxxenti mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli u li ghalhekk jaghti lok ghal appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

**Dritt ta' appell fuq punt ta' ligi**

Illi ssir riferenza ghall-**artikolu 41 (1) tal-Kap. 418** li jistabbilixxi d-dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli. Din id-dispozizzjoni tghid li:-

*"Kull parti f'appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli, inkluza l-Awtorita`, li thoss ruhha aggravata minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli, tista' tappella fuq punt ta' ligi lill-Qorti ta' l-Appell (gurisdizzjoni Inferjuri)...".*

Illi dan ifisser li kull parti f'appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli nkluza l-Awtorita`, ghandha d-dritt li tappella fuq punt ta' ligi lill-Qorti ta' l-Appell inkluz dwar punt ta' ligi li l-Bord ta' l-Appelli jkun jew interpreta b'mod zbaljat, jew li jkun naqas li osserva xi dispozizzjoni tal-ligi matul is-smigh ta' l-appell jew l-ghoti tad-decizjoni, jew inkella naqas li nterpreta xi punt ta' ligi dan minkejja li l-punt in kwistjoni jkun tqajjem minn xi parti maghmul is-smigh ta' l-appell quddiem l-istess Bord.

Illi l-mod kif inhu redatt l-**artikolu 41 tal-Kap. 418** jaghti l-fakolta' li jsir appell fuq punt ta' ligi wkoll f'kaz fejn ghaliex il-Bord ta' l-Appelli minhabba l-mod kif ikun ipproceda u, jew iddecieda, ikun hu stess aggixxa b'ksur tal-ligi li hu obbligat li jhares u josserva, u li ghalhekk tali nuqqas da parti tal-Bord fl-osservanza tal-ligi tkun gustifikazzjoni biex isir appell *a tenur* ta' l-**artikolu 41** gia citat.

Illi hu sottomess li l-interpretazzjoni tad-dritt ta' appell minn punt ta' ligi ghandha wkoll tinkwadra kazijiet ta' din ix-xorta fejn allura parti tkun issollevat punt ta' ligi liema punt ma jkunx gie deciz mill-Bord minghajr ma l-Bord jaghti l-ebda spjega ghalfejn ikun ghazel li ma ddecidiex il-punt ta' ligi sollevat.

**Nuqqas ta' interpretazzjoni korretta ta' punti ta' ligi sollevati mill-Awtorita`.**

Illi l-Bord ta' l-Appelli fl-ghoti tal-parti tad-decizjoni li allura ghaliha qed toggezzjona l-Awtorita` naqas li jifli, jevalwa u, jew nterpreta korrettement whud mill-punti ta' ligi li l-Awtorita` sottomettiet ghal kunsiderazzjoni ta' l- istess Bord ta' l-Appelli. Illi dan fil-fehma umli ta' l-Awtorita` jaghti lok ghal appell skond l-**artikolu 41 tal-Kap. 418** ghaliex id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli hija f'dan ir-rigward nulla.

Illi dan bir-rispett jirrizulta b'mod ampju kemm minn qari akkurat tar-risposta ta' l-Awtorita` ghall-appell maghmul mill-Maltacom quddiem il-Bord ta' l-Appelli, u tad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fejn il-Bord allura naqas li jiddeciedi u, jew interpreta whud mill-punti ta' ligi sollevati mill-Awtorita`.

Illi ssir riferenza ghal dak li qal il-Bord ta' l-Appelli fid-decizjoni tieghu. Il-Bord ta' l-Appelli fid-decizjoni tieghu osserva li l-Maltacom argumentat li:

*"l-Awtorita`ma approvatx l-Access Deficit Contribution – kif kienet ghamlet fis-sena precedenti – ghaliex irriteniet li din il-kontribuzzjoni tmur kontra l-ligi ta' l-Unjoni Ewropea".*(ara decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli para. 4.)

Imbaghad il-Bord ta' l-Appelli jiccita (ara decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli para. 5.) minn parti mid-decizjoni ta' l-Awtorita` fejn qal li:

"...irrizulta li l-Awtorita` "*for all these reasons the ADC is not being approved by the MCA".* Liema ragunijiet kienu: a. wara li saret referenza ghad-decizjoni tas-6 ta' Dicembru 2001 tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja kif wkoll tad-direttiva 97/334/EC fis-sens *"that where a Member state determines that universal service obligations represent an unfair burden on an organization (France Telecom (FT) in this case", it shall establish a mechanism for sharing net cost of the universal service obligations with other public operators. The Commission argued that there was no legal basis for requiring FT's new competitors to contribute to the financing of its universal service obligation in 1997 because FT enjoyed an almost complete monopoly in fixed voice telephone services."*

Illi l-Awtorita` ssollevat punt ta' ligi quddiem il-Bord ta' l-Appelli, johrog partikolarment bic-car fil-paragrafu numru 7 tad-decizjoni tal-Bord, fejn il-Bord jirriferi ghas-sottomissjoni ta' l-Awtorita` fejn allura (skond il-Bord) l--Awtorita` argumentat li l-Maltacom:

**"kellha tapplika taht ir-regime tal-Universal Services Obligations sabiex titlob li tirkupra spejjez zejda li qabel kienet tirkuprahom permezz tal-ADC**. "Dan l-istat ta' fatt hu mportanti ghaliex ir-regoli dwar l-iffinanzjar ta' l-*universal services* jipprovdu li huma biss l-ispejjez netti f'kaz li l-intrapriza tkun soggetta ghal piz ingust, li jistghu jigu finanzjati. F'dan ir-rigward l-ispejjez netti ghandhom iqisu kwalunkwe beneficji mis-suq li l-intrapriza jista' jkollha. Fir-rigward tas-suq in kwistjoni — f'dan il-kaz dak tat-telefonija fiss - l-Maltacom ghandha monopolju *de facto*" – (ara decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli (para.7) (il-**bold print** hu ta' l-Awtorita`).

Illi qed tigi citata l-parti tar-risposta tal-Awtorita` ghall-appell tal-Maltacom fejn allura gie sollevat proprju dan il-punt ta' ligi.

Illi l-Awtorita` fil-parti 2.2 tar-risposta taghha ghar-rikors ta' l-appell tal-Maltacom, (ara r-risposta ta' l-Awtorita` ghar-rikors ta' l-appell maghmul mill-Maltacom quddiem il-Bord ta' l-Appelli, pagna 4 ta' l-istess risposta t-tieni u erba' paragrafi), kienet issottomettiet li gej:-

"....li l-Maltacom kienet giet mahtura ("*designated*") bl-obbligu ta' *universal service obligation* sabiex tipprovdi "*telephony service at a fixed location*" (ara Dok. "MCA1" - decizjoni ta' l-Awtorita` dwar il-*Universal Telecommunications Services — July 2003* — pagna 8. Permezz ta' din il-hatra, **kwalunkwe talba ghall-iffinanzjar ta' *access deficit* inkors mill-Maltacom kellha ghalhekk issir fl-ambitu ta' din id-decizjoni u tar-regoli vigenti** (ara pagna 12 u 13 tad-Dok "MCA1"). Minkejja dan l-Maltacom fir-rigward ta' l-*access deficit*, naqset li ssegwi kemm l-procedura kif wkoll li taghmel l-kalkoli skond kif kienet obbligata ladarba hi kellha l-*universal service obligation* gia citat.

Illi f'dan ir-rigward jigi rilevat li d-dispozizzjonijiet transitorji fil-**Kap. 399** espressament jipprovdu li d-decizjonijiet ta' l-Awtorita` li kienu *in vigore* fl-1 ta' Mejju 2004, ghandhom jibqghu japplikaw sakemm ma jithassrux jew jigu emendati. Dan ghalhekk ifisser li l-Maltacom sallum il-

gurnata ghadha marbuta bl-obbligi mposti fuqha skond id-decizjoni dwar l-*Universal Telecommunciations Services* gia` citata (f'dan il-kuntest allura b'riferenza ghad-data tal-hrug tad-decizjoni ta' l-Awtorita` fl-14 ta' Dicembru 2004), (il-*bold print* hu ta' l-Awtorita`).

Izjed 'il quddiem l-Awtorita` dwar l-istess punt kompliet tissottometti li:

"…..l-Maltacom kienet issottomiet ir-rata taghha ghall-*access deficit contribution* fid-10 ta' Settembru 2004 (ara Dok "MCA3"). Jigifieri fiz-zmien meta allura l-Maltacom fis-sottomissjoni tat-talba taghha, **kellha ssegwi l-procedura kif allura kienet applikabbli f'dik il-gurnata skond l-Avviz Legali 151 tat-2000** (ara r-**regolamenti 39 u 40 ta' lA.L. 151 tan-2000** kif kienu qabel l-emendi li dahlu fis-sehh fl-14 ta' Settembru 2004 *tramite* l-A.L. 410 ta' l-2004)." (il-*bold print* hu ta' l-Awtorita`).

Illi dwar l-istess argument imbaghad l-Awtorita` fir-risposta taghha kompliet targumenta li:

"…..fic-cirkustanzi fejn l-finanzjament ta' *access deficit* hu permissibli, dan jista' jsir biss fil-kuntest ta' *universal service funding* kif gia` spjegat. F'dan ir-rigward il-Maltacom naqset li ssegwi l-procedura stabbilita u li taghti l-garanzji necessarji. F'dan ir-rigward jigi sottomess li skond in-normi vigenti applikabbli f'Malta kif ukoll dawk applikabbli fl-Unjoni Ewropea:

i) il-mod ta' finanzjament ma ghandux ta' bilfors ikun f'xi forma ta' xi *surcharge* fuq l-interkonnessjoni. Hu sottomess li kif isir dan il-finanzjament, hi decizjoni li tappartjeni biss l-Awtorita` u ghalhekk mhix il-prerogattiva tas-socjeta` appellanti;

ii) fil-kalkolu ta' l-*access deficit*, il-Maltacom kellha tiehu in konsiderazjoni fatturi bhal *marketing, brand recognition* u beneficcji ohra li l-Maltacom bhala l-*universal provider* ta' linji ta' telefonija fissa ghandha. Dan il-Maltacom naqset li taghmlu;

iii) l-*Access deficit contribution* propost mill-Maltacom ma jeskludi lil ebda operatur a bazi tad-daqs, u dan wkoll biex titkattar il-kompetizzjoni.

Minkejja dan kollu s-socjeta` appellanti (cioe' l-Maltacom) ipprocediet bla approvazzjoni ta' l-Awtorita` u ffissat rata illi ma tissodisfa l-ebda mit-tliet kriterji fuq iccitati. (ara r-risposta ta' l-Awtorita` ghar-rikors ta' l-appell tal-Maltacom pagna.6 it-tieni paragrafu. Ir-rekwiziti elenkati (ii) u (iii) kienu jirrizulta mir-**regolamenti 39 (1) u 40 (4) ta' l-A.L. 151 tan-2000).**

Illi ssir wkoll riferenza ghal punt iehor sollevat mill-Awtorita` li wkoll il-Bord ta' l-Appelli naqas li nterpreta korettament, fejn allura l-Awtorita` argumentat li talba kif maghmula mill-Maltacom kienet tmur kontra rrekwiziti u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea. F’dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li ssottomettiet l-Awtorita` fir-risposta ghar-rikors ta' l-appell tal-Maltacom quddiem il-Bord ta' l-Appelli. L-Awtorita` kienet argumentat li:-

“…..dwar it-talba tal-Maltacom ghal *access deficit contribution*, issir wkoll riferenza ghar-Rakkomandazzjoni 98/15/EC (Dok “MLC3” anness mar-rikors ta' l-appell) li allura wkoll giet citata mill-Maltacom plc. Hu mportanti li wiehed **jifli sew fl-intier** dak li ntqal f’din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni nnotat li (ara l-Annex 1 il-5 paragrafu tad-Dok “MLC3”):

*‘**Access deficit contribution schemes always provide** inefficient investment signals, and raise overall industry costs. They are also administratively cumbersome, and lack transparency. As mentioned in the 'Guidelines on costing and pricing of universal service' published by the Commission in November 1996 it is expected that access deficit type schemes will only be applied on a temporary basis, up to the year 2000, by which time a sufficient level of re-balancing should have been completed in all Member States."* (*bold print* hu ta' l-Awtorita`).

Illi l-Awtorita` fir-risposta taghha mbaghad kompliet targumenta li dan kien iffisser li:

*“…. Il-Kummissjoni (ta' l-Unjoni Ewropea) stess espressament tqis li dawn l-iskemi dejjem ("always") izidu fl-ispiza ghall-industrija, mhumiex trasparenti u huma inefficjenti ("cumbersome"). L-istess Kummissjoni tkompli tghid li fil-1998, kienet biss lesta li tittollera skemi bhal dawn sal-1 ta' Jannar 2000 – jigifieri ghal perijodu ta' inqas minn sentejn. F’dan ir-rigward ma jirrizultax li l-pajjizi membri godda ta' l-Unjoni nkluz Malta, gew moghtija xi koncessjoni wara d-data tad-dhul fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004. Anzi ghal kuntrarju u kif anke gie rilevat fid-decizjoni appellata, il-Kummissjoni b'mod car kienet indikat lill-Awtorita` li skema ta' access deficit contribution fir-rigward tar-rati ta' interkonnessjoni kif provdut mill-Maltacom, tmur kontra ir-regoli ta' l-Unjoni Ewropea u ghalhekk mhix aktar permessibli (ara Dok “MLC4”, pagna 5, l-ahhar paragrafu)."*
(Ara r-risposta ta' l-Awtorita` ghar-rikors ta' l-appell tal-Maltacom, pagni 4 sa 5 Taqsima 2.3 ta' l-istess)).

**Il-Bord ta' l-Appelli naqas li jinterpreta punti ta' ligi sollevati**

Illi jigi rilevat li l-Bord ta' l-Appelli waqt li ghazel li jiccita b'mod selettiv mis-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` kif dedotti fir-risposta taghha ghall-appell tal-Maltacom, imbaghad naqas – anzi injora – proprju l-punti krucjali ta' ligi li l-Awtorita` kienet issollevat u li l-Bord stess ghamel accenn ghalih.

Illi difatti fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appelli ma jghid xejn dwar il-punti ta' ligi sollevati mill-Awtorita` fir-risposta taghha fejn allura b'mod partikolari gie sottomess ghal gudizzju tal-Bord il-punt ta' ligi li l-Maltacom meta issottomettiet ir-rati taghha ghall-ADC fil-10 ta' Settembru 2004, **kellha issegwi l-procedura kif allura kienet applikabbli dak iz-zmien skond ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar is-Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Generali).** (Ara l-Avviz Legali 151 of 2000 – b'mod partikolari regoli 38, 39 u 40 ta' l-istess Regolamenti).

Illi bir-rispett kollu dovut lejn il-Bord ta' l-Appelli, waqt li sar accenn da parti tal-Bord ghal argumenti gia` citati fir-risposta ta' l-Awtorita`, il-Bord pero` mbaghad naqas li jinterpreta b'mod korrett u, jew jikkunsidra u jiddeciedi dwar dawn l-istess punti ta' l-ligi li kienu il-qafas ewlieni tar-risposta ta' l-Awtorita` ghall-appell maghmul mill-Maltacom fir-rigward tal-kuntestazzjoni ghalfejn l-Awtorita` kienet gustifikata biex hi teddecidi li ma tapprovax it-talba talMaltacom biex il-*call termination rates* taghha ma jinkludux l-ADC. Illi kif jirrizulta mill-partijiet citati tar-risposta ta' l-Awtorita` ghar-rikors ta' l-appell tal-Maltacom, dan il-punt gie enfasizzat almenu darbtejn f'kuntest differenti fl-istess risposta ta' l-Awtorita`.

Illi l-Bord wara li kien ghamel riferenza ghal whud mill-argumenti ta' l-Awtorita`, ghazel pero` li jiffoka biss fuq il-punt fejn qal li hu (cioe' l-Bord) ma fehemx ghalfejn *"l-Awtorita` iddecidiet li tichad it-talba minghajr biss ma ezaminat it-talba ghall-kumpens mis-socjeta` appellanti (cioe il-Maltacom) …"* (Ara decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli para. 10). Illi l-Bord dan ghamlu waqt li naqas li jaghti l-interpretazzjoni tieghu dwar jekk l-Awtorita` kinetx korretta skond il-ligi li targumenta li l-Maltacom meta giet biex taghmel it-talba ghal ADC, kinetx marbuta li ssegwi l-procedura vigenti f'dak iz-zmien skond l-**A.L. 151 tal-2000** (isir riferenza b'mod partikolari ghar-**regolament 39 (1) u 40(4) ta' l-A.L. 151 tal-2000)** - punt determinati ghall-evalwazzjoni tar-risposta ta' l-Awtorita` ghall-appell tal-Maltacom li pero` baqa' bla risposta min-naha tal-Bord.

Illi bir-rispett bla pregudizzju ghas-suespost il-Bord l-ewwel messu ddecieda jekk l-Awtorita` kinetx gustifikata li teddeciedi li l-Maltacom naqset li milli jsegwi l-procedura korretta skond ir-regoli vigenti meta l-istess Maltacom giet biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar l-ADC. U mhux allura kif ghamel il-Bord fejn naqas li jinterpreta l-punti ta' ligi sollevati u minflok iccensura l-Awtorita` ghaliex skond il-Bord l-istess Awtorita` aggixxiet b'mod irragonevoli meta "lanqas biss ipprovat tistabbilixxi jekk l-istess talba kinetx gustifikata" (cioe` t-talba ghal kumpens fil-kuntest ta' ADC). Il-punt li donnu l-Bord ma fehemx kien li l-Awtorita` ma kellhiex triq ohra hlief li tichad it-talba tal-

Maltacom proprju ghaliex din ma saritx skond ir-regoli vigenti – punt ta' ligi li l-Bord naqas milli jeddeciedi.

Illi hu sottomess li l-Bord ta' l-Appell meta aggixxa b'dan il-mod u ghazel li jiffoka biss fuq dak li skond il-Bord, kien agir irragonevoli da parti ta' l-Awtorita`, il-Bord aggixxa kontra l-ligi wkoll ghaliex naqas jiehu in konsiderazzjoni, jittratta u li jaghti l-interpretazzjoni tieghu ta' whud mill-argumenti legali maghmula mill-Awtorita` dwar il-kwistjoni ta' l-ADC, meta kellu mhux biss jiehu konnizzjoni ta' l-argument legali maghmul (kif almenu jidher li ghamel minn qari tad-decizjoni) imma wkoll jeddeciedi l-punt sollevat.

**Bord ta' l-Appelli marbut li jqis il-merti ta' l-appell – ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kap. 418.**

Illi l-Bord ta' l-Appelli meta naqas li jinterpreta l-punt ta' ligi sollevat mill-Awtorita` dwar il-procedura l-Maltacom kellha issegwi biex taghmel it-talba taghha dwar l-ADC (ara risposta ta' l-Awtorita` ghar-rikors ta' l-appell tal-Maltacom, pagna 4 paragrafi 2 sa 4, u pagna 6 paragrafu 2), u wkoll li tali t-talba kienet tmur kontra dak li kienu ddecidew l-organi kompetenti ta' l-Unjoni Ewropea (ara risposta ta' l-Awtorita` ghar-rikors ta' l-appell tal-Maltacom, pagni 4 sa 7 taqsimiet 2.3, 2.4 u 2.6 ta' l-istess risposta), kien wkoll qed jaggixxi bi ksur ta' l-**artikolu 39 (1) tal-Kap. 418** liema artikolu jesigi li l-Bord ghandu jqis il-merti ta' l-appell u dwar l-istess merti mbaghad jaghti d-decizjoni tieghu. L-**artikolu 39(1)** jipprovdi li:

*"Fid-determinazzjoni ta' appell il-Bord ta' l-Appelli **ghandu jqis il-merti ta' l-appell**, u jista' ghal kollox jew f'parti, jikkonferma jew jannulla d-decizjoni appellata, fejn jaghti bil-miktub ir-ragunijiet ghad-decizjoni tieghu u ghandu jara li dik id-decizjoni tkun wahda pubblika u li tigi komunikata lill-partijiet fl-appell." (**bold print** hi ta' l-Awtorita`).*

Illi ghal-korrettezza u bla pregudizzju ghas-suespost jigi sottomess li kuntrarju u ghal dak li ddecieda l-Bord ta' l-Appelli, l-Awtorita` fir-risposta taghha kienet wkoll spjegat ghalfejn it-talba tal-Maltacom ghal kumpens fir-rigward ta'

ADC ma kinetx gustifikata. F'dan ir-rigward issir riferenza b'mod partikolari ghal pagna 6 tar-risposta ta' l-Awtorita` ghal appell tal-Maltacom fejn l-Awtorita` fost l-ohrajn spjegat li l-Maltacom fil-kalkolu ta' l-*access deficit*, kellha tiehu in konsiderazjoni fatturi bhal *marketing, brand recognition* u beneficji ohra li l-Maltacom bhala l-*universal provider* ta' linji ta' telefonija fissa ghandha. L-Awtorita` spjegat f'dan ir-rigward li l-Maltacom pero` naqset li taghmel hekk.

**Ksur tal-principjji tal-gustizzja naturali**

Illi bla pregudizzju ghas-suespost *inoltre* in-nuqqas serju da parti tal-Bord ta' l-Appelli li jqis u, jew jinterpreta l-punti tal-ligi u argumenti l-ohra sollevati mill-Awtorita` jikkostitwixxu wkoll ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, fejn allura l-Bord fil-ghoti tad-decizjoni tieghu b'mod lampanti naqas milli jikkunsidra l-argumenti legali u argumenti ohrajn sottomessi mill-Awtorita`, b'dannu allura ghad-dritt ta' smigh xieraq.

**Proceduralment id-decizjoni hija nulla**

Illi bla pregudizzju ghas-suespost id-decizjoni tal-Bord hija nulla ghaliex il-Bord waqt li jannulla "il-parti tad-decizjoni (ta' l-Awtorita`) mertu ta' dan l-appell fejn jikkoncerna l-ADC" jonqos milli jghid suppost li l-Awtorita` ghandha taghmel. Il-Maltacom stess fit-talba numru (1) kif dedotta fir-rikors ta' l-appell taghha waqt li titlob lill-Bord biex jannulla l-partijiet tad-decizjoni ta' l-Awtorita` fejn allura l-Awtorita` ddecidiet li ma tapprovax ADC, il-Maltacom tablet wkoll li l-Bord ta' l-Appelli jirriduci a bazi ta' *efficiency adjustments* l-*interconnection termination rates* u l-*call termination rates* kif sottomessi mill-istess Maltacom. Il-Bord pero` f'dan ir-rigward baqa' sieket u ma ta l-ebda direzzjoni dwar suppost li ghandha taghmel l-Awtorita` – jekk hux per ezempju li terga' tezamina t-talbiet mill-gdid jew inkella taccetta r-rati kif originalment sottomessi mill-Maltacom.

Illi l-**artikolu 39 tal-Kap.418** jipprovdi li l-Bord ta' l-Appelli "ghandu jqis il-merti ta' l-appell, u jista' ghal kollox jew

f'parti jikkonferma jew jannulla d-decizjoni appellata....". Illi **s-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 39** imbaghad espressament jghid li bla hsara ghad-dritt ta' appell **(skond l-artikolu 41)** id-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appelli ghandhom "jkunu finali u konkluzivi". Il-Bord ta' l-Appelli anke fil-kuntest ta' kif kienet maghmula t-talba numru (1) fir-rikors ta' l-appell da parti tal-Maltacom aggixxa b'ksur ta' l-artikolu 39 (2) proprju ghaliex id-decizjoni kienet inkonkluziva u ghalhekk mankanti gjaladarba l-Bord meta annulla parti mid-decizjoni ta' l-Awtorita` naqas li jeddeciedi dwar il-bqija tat-talba tal-Maltacom maghmul f'dak ir-rigward.

**Nullita` minhabba Dewmien fil-ghoti tad-decizjoni.**

Illi bla pregudizzju ghas-suespost jigi sottomess li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli hija nulla wkoll inghatat b'ksur ta' l-**artikolu 40 tal-Kap.418** dan peress li l-appell in kwistjoni kien gie ttrattat u mholli ghad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli kwazi sentejn ilu. Illi l-**artikolu 40 (2)** espressament jesigi li:

*"f'kull kaz (l-Bord) ghandu jaghti d-decizjoni finali tieghu sa mhux aktar tard minn sittin jum minn meta l-partijiet jiddikjaraw li jkunu kkonkludew il-provi taghhom u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom."*

Illi bir-rispett id-dewmien sproporzjonat (kwazi sentejn minn meta l-kaz thalla ghad-decizjoni tal-Bord) fil-ghoti tad-decizjoni in kwistjoni fis-suq li hu daqstant dinamiku, ta lok ghal pregudizzju serju ghaliex tali dewmien jista' issa jkollu impatt fuq dak li gara fi snin ohra. Hu sottomess li l-iskop ghalfejn il-legislatur fassal terminu ta' sittin gurnata ghal ghoti tad-decizjoni kien proprju biex jevita tali sitwazzjonijiet fejn allura d-dewmien fl-ghoti ta' decizjoni jista' jinfluwixxi b'mod hazin fuq is-suq.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, l-Awtorita` appellanti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi prodotti u sottomissjonijiet gja maghmula quddiem il-Bord ta' l-Appelli u tirriserva li ggib dawk il-provi l-ohra permessi skond l-ligi, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti

jghogobha tirriforma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet moghtija fil-25 ta' Gunju 2007 billi thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni kontenuta fil--paragrafi numri 10 sa 12 tad-decizjoni, fejn allura l-Bord ta' l-Appelli ddecieda li jannulla l-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` datata l-14 ta' Dicembru 2004 intitolata "*Interconnection Pricing Review 2004/2005 Decision Notice, December 2004*", liema parti kienet tirrigwarda l-*access deficit contribution*. Dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra socjeta` appellata.

Illi *inoltre* l-Awtorita` appellanti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna lill-Bord ta' l-Appell biex dan l-istess Bord jipprezenta fir-Registru ta' din l-Qorti l-atti kollha fil-pussess tieghu relattivi ghall-appell li nstema' quddiem l-imsemmi Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-socjeta` Maltacom p.l.c. datata 13 ta' Awissu 2007 a fol. 16 tal-process fejn esponiet:-

Illi dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet li minnha qieghed isir appell – u cioe` dik li kient tikkoncerna l-*access deficit contribution (ADC)* – hija gusta, motivata u timmerita konferma.

**L-ewwel aggravju ta' l-Awtorita` - li l-Bord ta' l-Appell naqas milli jinterpreta b' mod korrett il-punti ta' ligi sollevati mill-Awtorita`.**

Illi in kwantu jirrigwarda dan l-aggravju, is-socjeta` esponenti tirrileva s-segwenti: -

Illi kif spjegat is-socjeta` esponenti fir-rikors ta' l-appell promotur taghha quddiem il-Bord ta' l-Appelli, it-terminu *"Access Deficit Contribution"* (ADC) ifisser kontribuzzjoni li jsir lis-socjeta` esponenti minn operaturi ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet pubblici li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici li jkunu disponibbli pubblikament, liema kontribuzzjoni tghin sabiex jikkumpensaw *in parte* ghall-*"access deficit"* li tinkorri l-Maltacom sabiex tipprovdi access ghat-telefonija fissa lill-

abbonati taghha. Dan l-hekk imsejjah *'access deficit'* jinholoq minhabba li l-ammont li abbonat tal-Maltacom ihallas ghall-kirja (*retail rate*) tal-linja fissa tieghu m'huwiex gholi bizzejjed sabiex ikopri l-ispejjez li tinkorri l-Maltacom biex tipprovdilu dan l-access. *(ara l-ewwel paragrafu fuq pagna 3 tar-rikors ta' l-appell promotur tal-Maltacom u paragrafu 3 tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell).*

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li dan l-*access deficit* jezisti, ghax it-tariffi tas-socjeta` esponenti ghadhom ma gewx sufficjentement ibbilancjati. Il-kontestazzjoni hija dwar jekk il-kontribuzzjoni li ghandhom jaghmlu l-operaturi l-ohra ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet pubblici li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici li jkunu disponibbli pubblikament biex itaffu dan id-*deficit* li qed issofri l-Maltacom ghandux isir fil-forma ta' *surcharge* fuq l-*interconnection rates* u l-*call origination rates* li dawn jhallsu *ai termini* tal-ftehim ta' *interconnection* li huma ghandhom mas-socjeta` esponenti, *(ara Artikolu 14 (3) tal-Kap. 399.),* kif qed tissottometti l-istess socjeta` esponenti, jew jekk il-Maltacom ghandhiex titlob li tinghata kontribuzzjoni ghal dan id-*deficit* mill-*Universal Services Fund*, kif qed tissottometti l-Awtorita` appellanti – liema *Fund* ghadu ma jezistix, u fi kwalunkwe kaz, meta u jekk jigi kreat, jigi finanziat *inter alia* mill-imsemmija operaturi li jipprovdu *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici. *(ara xhieda ta' Joe Cuschieri, Chief Operations Officer fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2005 pagna 30-31 tat-traskrizzjoni. Ara wkoll Regolament 35 (1) ta' l-Avviz Legali 412 ta' 2004.)*

Illl fir-rikors ta' l-appell taghha, l-Awtorita` appellanti tikkwota estensivament mir-risposta ta' l-appell taghha quddiem il-Bord biex issahhah it-tezi taghha, minghajr ma ghamlet l-icken accenn ghall-argumenti li ressqet is-socjeta` esponenti quddiem il-Bord biex ixxejjen it-tezi ta' l-Awtorita`.

Illi fir-rikors ta' l-appell promotur taghha, is-socjeta` esponenti kienet issottomettiet is-segwenti: *(ara pagni 3-6 tar-rikors ta' l-appell promotur tas-socjeta` Maltacom).*

*"Sa issa, l-Awtorita` ma ppermettietx lill-Maltacom tgholli t-tariffi taghha bizzejjed sabiex l-istess Maltacom tkun tista' tirkupra l-ispejjez kollha li tinkorri sabiex tipprovdi l-imsemmi access ghat-telefonija fissa, u dan sabiex anki dawk li ghandhom dhul baxx jew li ghandhom bzonnijiet socjali specjali xorta jkunu jifilhu jhallsu l-ispiza li access ghat-telefonija fissa jinvolvi.*

*L-Awtorita` appellata ma approvatx l-Access Deficit Contribution – kif kienet ghamlet fis-sena precedenti – ghaliex irriteniet li din il-kontribuzzjoni tmur kontra l-ligi ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt dan ma hu veru xejn. Huwa minnu li fl-Unjoni Ewropea l-Access Deficit Contribution m'huwiex meqjus deziderabbli, pero` huwa accettat f'sitwazzjonijiet fejn ma hemmx "a sufficient level of rebalancing" fit-tariffi. L-istess Rakkomandazzjoni 98/195/EC ikkwotata fid-decizjoni appellata (ta' l-Awtorita` appellanti) tghid bl-iktar mod car li l-Access Deficit Contributions "will only be applied on a temporary basis, up to the year 2000 by which time a sufficient level of rebalancing should have been completed in all Member States. " (Dok "MLC 3" Annex 1).*

Ghandu jigi rilevat illi fl-ewwel lok, fl-Unjoni Ewropea l-process ta' liberalizazzjoni u ta' ribilancjar tat-tariffi beda ferm iktar kmieni milli beda f'Malta. Ir-Rakkomandazzjoni tikkontempla l-abolizzjoni ta' l-*Access Deficit Contributions* biss fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn it-tariffi jkunu gew sufficjentament ibbilancjati, haga li ghall-pajjizi membri dak iz-zmien kellha ssir sas-sena 2000. Pero` jekk xi regolaturi ma jkunux ippermettew li jsir l-ibbilancjar tat-tariffi sa dak iz-zmien ta' liberalizazzjoni, kif gara fil-kaz ta' Malta, huma ma ghandhomx inehhu l-*Access Deficit Contribution* li jkun jezisti sabiex jikkumpensa ghall inattivita taghhom, imma ghandhom jindirizzaw direttament il-problema: l-ibbilancjar tat-tariffi.

Fil-fatt l-istess Rakkomandazzjoni ("Dok MLC 3" Annex 2), li tittratta "Best Practice Interconnect charges and their Derivation" tghid li l-figuri tar-rata ta' interkonnessjoni indikati fl-istess Annex *"do not include any access deficit*

*type contributions or universal service contribution. These additional contributions will not be required in many member states, but where they are required as part of the regulatory environment in a member state, they must be calculated and shown separately from the interconnection charge. "* (enfasi mizjuda). Dan juri li mhux talli l-*Access Deficit Contibution* ma tmurx kontra l-ligi ta' l-Unjoni Ewropea, izda talli r-Rakkomandazzjoni innifisha tikkontempla espressament li tali kontribuzzjoni tista' tkun necessarja fic-cirkostanzi partikolari ta' xi stati membri.

In oltre, l-istess Rakkomandazzjoni ikkwotata mill-Awtorita` appellata tkompli tghid illi: *"Payment of "access deficit contributions" by interconnected parties is only permissible under Community law where Member States impose regulatory constraints on the retail tariffs of notified operators. Where an operator is not prevented by regulatory measures from rebalancing its tariffs, an "access deficit" charge is not justified."* (Dok "MLC 3" Annex 1) Fil-kaz odjern, l-Awtorita` appellata mhux qed thalli lis-socjeta` esponenti tgholli t-tariffi taghha biex tkopri l-ispejjez kollha li tinkorri sabiex toffri access ghat-telefonija fissa, u ghalhekk f'din is-sitwazzjoni skema ta' ADC hija permessa fil-ligi ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa minnu li f'April 2004 (Dok "MLC6"), l-Awtorita` appellata approvat ri-bilancjar parzjali tat-tariffi tas-socjeta` esponenti, pero` certament ma jistax jinghand li t-tariffi tas-socjeta` esponenti huma sufficjentement bilancjati tant li jiggustifika l-abolizzjoni totali ta' l-*Access Deficit Contribution*. Fil-fatt, fil-prezent, l-Kummissjoni Ewropea qieghda tikkritika lill-Awtorita` appellata talli ghadha ma haditx hsieb li jsir l-ibbilancjar tat-tariffi. Evidenza ta' dan huwa t-*10th Implementation Report* mahrug fit-2 ta' Dicembru 2004, fejn jinghad illi: *"there are clearly regulatory issues that need to be dealt with in order to ensure competition on the electronic communications market in Malta, including correct implementation of the starting conditions. One of the remaining issues seems to be tariff rebalancing by the fixed incumbent operator.* "(Dok "MLC 7" pag. 171).

Ir-Rakkomandazzjoni 98/195/EC tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt illi *"With cost-oriented interconnection, competitors are able to capture some of this long distance and international traffic, and the incumbent's ability to compensate for the access deficit is reduced "* (Dok “MLC 3” Annex 1). Fil-kaz ta' Malta, il-ligi wkoll tezigi li t-tariffi ghall-interkonnessjoni ghandhom ikunu "*cost-oriented*" u l-Maltacom qed topera wkoll f'kuntest ta' suq kompetittiv, fejn kemm operaturi tat-telefonija cellulari, kif ukoll dawk tal-*Voice Over* IP dahlu sew fis-suq tat-telefonati internazzjonali, u konsegwentement naqsu sew mill-potenzjal li l-Maltacom tikkompensa ghall-*access deficit* mid-dhul ta' telefonati internazzjonali.

F'dan il-kuntest, ghandu jigi rilevat illi l-fattispecje tal-kaz ta' Commission v. France ma jaghmlux ghall-kaz odjern, billi ghalkemm dak il-kaz gie deciz fis-6 ta' Dicembru 2001, kien jirreferi ghal kwistjoni li qamet lejn l-ahhar tas-sena 1997, cioe` fi zmien meta s-suq Franciz kien ghadu lanqas biss gie liberalizzat. Il-Kummissjoni Ewropea kienet ikkontestat il-fatt li operaturi ohra kellhom jikkontribwixxu lejn il-fond tal-*Universal Service Obligations* ghas-sena 1997. Ghalhekk il-fattispecje ta' dan il-kaz huma totalment differenti, billi l-Maltacom topera go suq liberalizzat u certament ma jistax jinghad li hija "*(an) almost complete monopoly*". Pero` huwa interessanti li f’dan il-kaz, il-Qorti Ewropea sabet li Franza kienet naqset mill-obbligu taghha li taghmel *time-table* taz-zmien li fih kellu jigi kompletat l-ezercizzju tat-*tariff rebalancing.*

Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti tissottometti illi r-rati tas-socjeta` Maltacom ghall-interkonnessjoni ghandhom jinkludu kontribuzzjoni ghall- "*access deficit*."

Illi f'pagna 7, paragrafu 5 tar-rikors ta' l-appell taghha, l-Awtorita` appellanti tallega – kif diga' kienet ghamlet quddiem il-Bord – li *"Il-Kummissjoni b’mod car indikat lill-Awtorita` li skema ta' access deficit contribution fir-rigward tar-rati ta' interkonnessjoni kif provdut millMaltacom, tmur kontra r-regoli ta' l-Unjoni Ewropea u ghalhekk mhix aktar*

*permessibbli."* Pero' din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod sorretta bil-provi. *In oltre*, mill-provi jirrizulta illi din l-allegazzjoni qatt ma ntqalet lill-ufficjali tal-Maltacom fid-diskussjonijiet li kien hemm ma' l-Awtorita` appellanti qabel ma gew sottomessi ir-rati ta' interkonnessjoni. *(ara xhieda ta' Joe Azzopardi, Group Chief Operations Officer talMaltacom fis-seduta tad-29 ta' April 2005 pagna 16-17 tat-traskrizzjoni).*

Illi *in oltre*, fl-4 ta' Lulju 2006, is-socjeta` esponenti kienet ipprezentat nota quddiem il-Bord li fiha annettiet kopja tal-gurisprudenza u dokumenti li ghalihom saret riferenza mis-socjeta` esponenti waqt it-trattazzjoni orali ta' l-appell quddiem il-Bord. Dokumenti “MLF3” sa “MLF7” jittrattaw precizament id-distinzjoni bejn *Access Deficit Contribution (ADC) u Universal Services Obligations (USOs).*

Illi hekk fid-Dok “MLF3” – li huwa estratt mill-ktieb Henk Intven, *"The Telecommunications Regulations Handbook* (ed. 2000): jinghad hekk: "*In many countries, incumbent operators incur deficits in carrying out uneconomic universal service obligations (USO) or universal access obligations. Beneficiearies of these social obligations generally include high-cost service areas, such as remote villages or low income customers. In some countries, however, deficits are not incurred by the incombents to perform specific universality. Rather, the deficits are incurred as part of a policy of maintainng low access charges for all customers. <u>These are usually referred to as Access Deficit Contributions (ADCs) to distinguish them from Universal Services Obligation (USO) payments that generate revenues for more targeted social purposes</u>. "*

Illi d-dokument “MLF6” jikkontjeni estratti mill-Komunikazzjoni Ewropea fuq *"Assessment Criteria for National Schemes for the Costing and Financing of Universal Service in telecomunications and Guidelines for Member States on Operation of such Schemes" (COM* (96) 608). F’dawn l-estratti jinghad *inter alia* s-segwenti:

*"The Commission will examine National Schemes to ensure that they do not seek to recover net costs which are not attributable to universal service obligation, and, in particular, it will seek to ensure that the following are not included in any cost calculation for universal service.*

*1. National Schemes may not be used to recover an "access deficit contribution" attributable to unbalanced national tariff structures.*

*6. Any Access Deficit Scheme should be structurally separate from any National Scheme for Universal Service.*

*The purpose of an access deficit scheme is to address the effects of an inefficient bypass and cream skimming, created by regulatory constraints on the incumbent's tariff structure. The "deficit" does not represent a genuine loss for the operator concerned. It is not therefore part of the net cost of providing elements of universal service.*

*7. National Regulatory Authorities should ensure that other market players only contribute to any access deficit where the competitor uses some part of the network (i.e. interconnects) of the incumbent to transmit a call. "*

Illi anki minn dawn il-brani qosra, huwa car li t-tezi ta' l-Awtorita` appellanti tmur kontra l-ligi ta' l-Unjoni Ewropea, ghaliex kontribuzzjonijiet ghall-*access deficit* ma jistghux jingabru minn skemi ghal kontribuzzjonjiet ghall-*universal services obligations*, izda jistghu jingabru biss meta l-operatur li jkun qed ibati d-*deficit* jaghmel *interconnection*, u cioe` mill-*interconnection rates* u mill-*call orgination rates* ma' operaturi ohrajn.

Illi fid-decizjoni tieghu, il-Bord ta' l-Appelli ghamel succint tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kontestanti u qabel mas-sottomissjonijiet tal-Maltacom dwar dan il-punt *(ara senjatament paragrafu 5 tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli)* u ghadda biex jannulla dik il-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` mertu ta' l-appell fejn jikkoncerna l-ADC *(ara paragrafu 12 tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli)*. Jigi sottomess li l-interpretazzjoni tal-ligi li ghamel il-Bord – u

cioe' li s-socjeta` Maltacom ma setghetx legalment tirkupra l-*access deficit* li qed issofri minn skema ta' kontribuzzjonijiet *tal-Universal Service Obligations* – hija wahda legalment korretta u dan ghar-ragunijiet moghtija iktar 'il fuq.

Illi, bir-rispett kollu, is-socjeta` esponenti ma tistax tifhem kif l-Awtorita` appellanti tista' fl-istess nifs tilmenta li l-Bord naqas li *"nterpreta korrettement"* uhud mill-punti ta' ligi li l-Awtorita` issottomettiet (ara pagna 4 para 3 tar-rikors ta' l-appell), u fl-istess nifs ezattament filparagrafu ta' wara tallega li l-Bord *"naqas li jiddeciedi u, jew nterpreta whud mill-punti ta' ligi sollevati mill-Awtorita`."* (ara pagna 4 para 4 tar-rikors ta' l-appell). Huwa ovvju li dawn iz-zewg sottomissjonijiet jikkontradicu lil xulxin. Il-fatt li l-Awtorita` qed tilmenta li l-Bord naqas li jinterpreta l-ligi korrettament, jigifieri, li l-Awtorita` qed taccetta li l-Bord interpreta l-ligi u ta d-decizjoni tieghu, pero` skond hi d-decizjoni tieghu kienet wahda skorretta.

Illi *inoltre*, bir-rispett kollu, jigi sottomess illi fil-fatt il-Bord ikkunsidra s-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet, interpreta l-ligi u ta d-decizjoni tieghu, ghaliex fil-fatt annulla dik il-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` li kienet tikkoncerna l-ADC. Kieku l-Bord ma ddecidiex il-kwistjoni – kif qed tallega l-Awtorita` – kieku l-Awtorita` lanqas setghet tintavola l-appell odjern.

Ghaldaqstant, jigi sottomess illi dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**It-tieni aggravju ta' l-Awtorita` - li l-Bord ta' l-Appelli naqas milli jinterpreta fi kwalunwke mod punti ta' ligi sollevati mill-Awtorita`**

Illi kif diga' nghad, dan l-aggravju huwa kontradett mill-ewwel aggravju ta' l-Awtorita` appellanti, fejn tilmenta li l-Bord interpreta skorrettement il-punti ta' ligi sollevati minnha.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hemm l-ebda provvediment f'ebda ligi applikabbli li jikkostringi l-Bord ta'

l-Appelli biex jaghti l-fehma dettaljata tieghu fuq kull punt ta' ligi sollevat mill-partijiet fir-rigward ta' kwistjoni partikulari.

Illi Artikolu 39(1) ta' l-imsemmi Kap. 418 jippreskrivi li: *“Fid-determinazzjoni ta' appell il-Bord ta' l-Appelli ghandu jqis il-merti ta' l-appell, u jista' ghal kollox jew f'parti, jikkonferma jew jannulla d-decizjoni appellata, fejn jaghti bil-miktub ir-ragunijiet ghad-decizjoni tieghu... ".*

Illi ghalhekk kulma hu mehtieg mil-ligi da parti tal-Bord ta' l-Appelli huwa li (i) "iqis il-merti ta' l-appell"; (ii) "jikkonferma jew jannulla d-decizjoni appellata" *in toto* jew *in parte ; u (iii)* "jaghti bil-miktub ir-ragunijiet ghad-decizjoni tieghu".

Illi fil-fehma umli tas-socjeta` esponenti, fil-kaz odjern il-Bord issodisfa dawn it-tliet rekwiziti – cioe' l-Bord annulla *in parte* (u cioe' inkwantu kienet tikkoncerna l-ADC) id-decizjoni ta' l-Awtorita` in kwistjoni, wara li qies il-mertu ta' l-appell interpost mill-Maltacom, u sema' liz-zewg partijiet, u ta bil-miktub fid-decizjoni tieghu, ir-ragunijiet fuq liema bazi huwa wasal ghal din id-decizjoni.

Illi huwa ovvju mill-motivazzjoni tad-decizjoni sal-Bord li waslet ghall-konkluzjoni tieghu li jannulla dik il-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` li kienet tikkoncerna I-ADC, li l-Bord ma qabilx mat-tezi ta' l-Awtorita` li s-socjeta` esponenti kellha ssegwi l-procedura stabbilita fl-Avviz Legali 151/2000 ghal *Universal Services Obligations,* sabiex tigi rimborsata *ghall-access deficit* li qieghda u ghadha sal-gurnata tal-lum tigi mgaghlha ssofri. U li l-Bord laqa' is-sottomissjonijiet tas-socjeta` esponenti fir-rigward.

Illi la 'l fuq citat **artikolu 39(1) tal-Kap. 418** u lanqas kwalunkwe provediment iehor tal-ligi ma jobbliga lill-Bord ta' I-Appelli sabiex jikteb tezi elaborata tal-motivazzjonijiet li jwassluh ghad-decizjonijiet tieghu. M'hemm assolutament xejn fid-decizjoni appellata li jista' remotament jindika li l-Bord naqas li jikkunsidra s-sottomissjonijiet ta' dritt ssollevati mill-Awtorita` appellanti. Ghall-fini tal-ligi huwa sufficjenti li l-Bord jindirizza l-vertenza bejn il-partijiet u fi kliem l-Artikolu 39(1), "jaghti bil-miktub ir-ragunijiet ghad-decizjoni tieghu" (enfazi mizjuda), kif fil-fatt ghamel, minghajr il-htiega ta' ebda elaborazzjoni zejda.

Ghaldaqstant anki dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**It-tielet aggravju ta' l-Awtorita` - Bord ta' l-Appelli marbut li jqis il-merti ta' l-appell – ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kap 418.**

Illi a skans ta' ripetizzjoni issir riferenza ghal dak li ghadu kemm gie sottomess fil-paragrafi precedenti, fir-rigward tat-tieni aggravju.

Illi bir-rispett is-socjeta` esponenti ma taqbilx ma l-allegazzjoni ta' l-Awtorita` illi l-Bord ta' l-Appelli, fid-decizjoni in kwistjoni, ma qiesx il-merti ta' l-appell. Il-fatt li l-Bord ta' l-Appelli **ma accettax** l-argumenti ta' l-Awtorita` fir-rigward ta' l-ADC **ma jfissirx illi** l-imsemmi Bord mar kontra l-artikolu 39(1) inkwantu li **ma qiesx fl-merti ta' l-appell.**

Illi f'dan l-aggravju l-Awtorita` tissottometti wkoll li fil-kalkolu ta' l-*access deficit,* is-socjeta` esponenti ma haditx in konsiderazzjoni fatturi bhal *marketing, brand recognition* u beneficcji ohra li s-socjeta` esponenti ghandha bhala l-*universal provider.*

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat, li dan l-argument ma kienx inkluz fid-decizjoni ta' l-Awtorita` li minnha appellat is-socjeta` esponenti, izda gie sollevat ghall-ewwel darba, kif irrelevat l-istess Awtorita` appellanti, *(ara rikors ta' l-appell ta' l-Awtorita` pagna 6 para 4)* fir-risposta ta' l-appell taghha quddiem il-Bord ta' l-Appelli.

Illi fit-tieni lok dawn il-fatturi huma rilevanti biss fil-kuntest *tal-Universal Services Obligations.* Meta is-socjeta` esponenti ssottomettiet ir-rata taghha *ghall-access deficit contribution* fl-10 ta' Settembru 2004, ir-Regolament 39 (1) ta' l-Avviz Legali 151/2000 *(Kif kien qabel l-emendi li dahlu fis-sehh fl-14 ta' Settembru 2004 tramite l-Avviz Legali 410/2004)* kien jippreskrivi hekk: *"The universal service contribution, if established by the Regulator, shall be calculated in accordance with a formula adopted annually by the Regulator that takes into account the costs, net of attributable revenues, of serving customers with a basic service who otherwise would not be served. Such formula shall also take into account other benefits received by the operator from providing the said services such as brand recognition and market position."* (enfazi mizjud).

Kif diga' gie sottomess iktar 'il fuq, ir-regolamenti dwar *il-universal services obligations* huma totalment irrelevanti ghal fini biex jigi determinat u kumpensat l-*access deficit. L-access deficit* johrog minn dawk li jissejhu *regulatory*

*accounts,* li jinhadmu fuq metodologija preskritta mill-Awtorita` appellanti.

Illi kif xehed is-Sur Joe Azzopardi, Group Chief Operations Officer tal-Maltacom, l-Awtorita` appellanti accettat il-komputazzjoni ta' l-*access deficit* tal-Maltacom fit-totalita` tieghu: *"Accettatu fit-totalita` u ha nispjega ghalfejn. Dan johrog minn sett ta' accounts apposta illi titlob l-MCA stess. Dawn nghidulhom regulatory accounts. Ir-regulatory accounts, fejn l-accounts taghna normali huma l-Kumpanija as a whole, nohorgu P & L as a whole, u balance sheet as a whole, ir-regulatory accounts jaqbad is-servizzi ndividwali u permezz ta' metodologija li jimponu huma fuqna, nahdmu dawn* l-*accounts on a service by service basis. Mela r-renta tkun mahduma ghaliha u hemm johrog* l-*access deficit. Dan hu dokument li jmur dirett ghand ir-Regolatur." (xhieda ta' Joe Azzopardi fis-seduta tad-29 ta' April 2005 pagna 9 para I tat-traskrizzjoni).*

Illi iktar tard, meta l-istess xhud gie mistoqsi jekk fil-komputazzjoni ta' l-*access deficit* ittiehdux in konsiderazzjoni *intangible benefits* bhal *brand recognition u market position,* ix-xhud spjega li *"Le. Il-figura ta' l-access deficit ma tiehux into consideration dawn l-intangible benefits li qed tghid. ...... Fl-access deficit ma jidhlux dawn l-affarijiet ghax* l-*access deficit jinhadem skond il-principji ta' costings illi impona fuqna r-Regolatur. U dan* l-*intangable benefit ta' branding illi jkun fl-arja, mhux fl-accounts eccetra mhux real costs illi wiehed jista' johrog invoice u jiccekjaha u jghid dan huwa l-cost, dak ma jittehidx into consideration ghax inkun beyond il-qafas ta' kif nhadem l-ADC regolatorju. ...... Il-mistoqsija ta' Dr. Pullicino kienet fl-ADC hadniex* l-*intangible benefits eccetera, u jiena qed nghidlek le, imma mhux kapricc tieghi. Le skond ir-regoli tar-Regolatur (xhieda ta' Joe Azzopardi fis-seduta tad-29 ta' April 2005 pagna 19-20 tat-traskrizzjoni.)*

Ghalhekk kellu ragun il-Bord jiddeciedi illi l-*Awtorita` ma agixxietx b'mod ragonevoli meta cahdet ghal kollox it-talba ghall-kumpens minghajr lanqas biss ipprovat*

*tistabbilixxi jekk l-istess talba kinitx gustifikata jew le ... .....(para 11 tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli)*

**Ir-raba' aggravju ta' l-Awtorita` - li l-Bord ta' l-Appelli mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali**

Illi kuntrarjament ghal dak kollu li qieghda tallega l-Awtorita` fir-rikors ta' l-appell odjern, il-Bord qies l-argumenti kollha taz-zewg partijiet pero' ma qabilx mas-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita`.

Illi fil-kaz **Van de Hurk v. The Netherlands,** deciz fid-19 ta' April 1994, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi: *"The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision. ... ... Article 6 (1) obliges courts to give reasons for their decisions, but cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument".*

Illi kif diga' nghad, ma hemm xejn fid-decizjoni tal-Bord li jindika li l-Bord ma ghamilx ezami akkurat tas-sottomissjonijiet, argumenti u provi li tressqu quddiemu mill-partijiet, anzi id-decizjoni tindika l-oppost. Il-fatt, li l-Bord ghazel li ma jaghmilx tezi elaborata ghaliex iddecieda li jiskarta s-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` ma jfissirx li b'daqshekk inkisru l-principji ta' gustizzja naturali jew ta' smigh xieraq ta' l-Awtorita`. L-importanti hu, li l-Bord immotiva sufficjentement id-decizjoni tieghu.

Ghaldaqstant anki dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**Il-hames aggravju ta' l-Awtorita` - li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli hija nulla *stante* illi l-Bord ipproceda erronjament**

Illi fir-rikors ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli li ta bidu ghal dawn il-proceduri, is-socjeta` Maltacom talbet lill-Bord sabiex:

i) ihassar, jirrevoka u jannulla dawk il-partijiet tad-decizjoni mahruga mill-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet (“l-Awtorita`”) fil-14 ta' Dicembru 2004 intitolata *"Interconnection Pricing Review 2004/2005 – Decision Notice"* fejn l-Awtorita` iddecidiet li ma tapprovax *l-Access Deficit Contribution u* tirriduci a bazi ta' *efficiency adjustments,* l-*interconnection termination rates u* l-*call origination rates* sottomessi mis-socjeta` esponenti;

ii) japprova l-*interconnection termination rates* kif originarjament sottomessi mis-socjeta` esponenti bl-aggustament tal-*Weighted Average Cost of Capital* (WACC) kif gie stabbilit fid-decizjoni appellata, u japprova l-*call origination rates* kif originarjament sottomessi mis-socjeta` esponenti; u

iii) jikkonferma l-istess decizjoni ghall-kumplament.(ara l-ahhar paragrafu fuq p.11 tar-rikors promotur tal-Maltacom p.l.c.

Illi ghalhekk l-ewwel paragrafu ta' dan l-aggravju (pagna 10 tar-rikors ta' l-appell ta' l-Awtorita`) ta' l-Awtorita` ma huwiex korrett ghaliex is-socjeta` esponenti qatt ma' talbet lill-Bord ta' l-Appelli sabiex *"jirriduci a bazi ta' efficiency adjustments* l-*interconnection termination rates u* l-*call origination rates"* sottomessi mis-socjeta` esponenti.

Illi fl-ewwel parti ta' l-ewwel talba, is-socjeta` esponenti talbet lill-Bord ta' l-Appelli "ihassar, jirrevoka u jannulla dawk il-partijiet tad-decizjoni mahruga mill-Awtorita`". It-tieni parti ta' din it-talba tindika <u>liema partijiet tad-decizjoni ta' l-Awtorita` ghandhom jigu mhassra</u> – u cioe' fejn <u>l-Awtorita` iddecidiet</u> illi (i) "ma tapprovax *l-Access Deficit Contribution" u illi (ii)* <u>tirriduci a bazi ta' *efficiency adjustments,* l-*interconnection termination rates u* l-*call origination rates* sottomessi mis-socjeta` esponenti.</u>

Illi ghalhekk fir-rikors ta' l-appell taghha, l-Awtorita` rriproduciet din l-ewwel talba tas-socjeta` esponenti b'mod skorrett.

Illi t-tieni u t-tielet talba fir-rikors ta' l-appell promotur tas-socjeta` esponenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli, huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

Illi l-Bord laqa' l-ewwel talba tas-socjeta` esponenti biss *in parte* – u cioe' f'dik il-parti li tikkoncerna l-ADC u cahad il-kumplament taghha, u cioe` dik il-parti li tikkoncerna l-*efficiency adjustments* li l-Awtorita` appellata ghamlet. Ghalhekk id-decizjoni tal-Bord <u>hija</u> finali u konkluziva.

Illi logikament il-Bord ma setax jilqa' t-tieni talba tas-socjeta` esponenti fl-intier taghha, ladarba huwa ddecieda li jichad dik il-parti tal-ewwel talba li tikkoncerna l-*efficiency adjustments.* Issa huwa l-kompitu ta' l-Awtorita` li terga' tikkomputa l-*interconnection termination rates u* l-*call origination rates* sottomessi mis-socjeta` esponenti billi thalli fihom is-*surcharge* ta' l-ADC, terga' taghmel l-*efficiency adjustments li* jidhrilha necessarji, jekk ikun il-kaz, bl-aggustament *tal-Weighted Average Cost of Capital* (WACC), liema WACC gie stabbilit fid-decizjoni ta' l-Awtorita` originali.

Illi huwa ovvju, li bid-decizjoni tal-Bord li l-ADC ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, l-Awtorita` appellanti trid terga' taghmel – dejjem jekk jidhrilha necessarji – l-*efficiency adjustments* ghar-rati sottomessi. U dan huwa kompitu ta' l-Awtorita` appellanti u mhux tal-Bord. Bir-rispett kollu, is-socjeta` esponenti ma tistax tifhem kif l-Awtorita` tista' tghid li ma tafx x'ghandha taghmel dwar l-implimentazzjoni ta' din id-decizjoni. Huwa vera li l-Bord ma taha l-ebda direzzjoni espressament, pero` bid-decizjoni *de quo* l-Awtorita` ghandha triq wahda biss miftuha ghaliha – dik li terga' tiffissa l-*interconnection rates* u l-*call origination rates* fid-dawl tad-decizjoni tal-Bord. L-Awtorita` ma ghandha l-ebda alternattiva ohra miftuha ghaliha.

Illi fid-dawl tas-suespost, is-socjeta` esponenti ma tistax tara kif dan l-aggravju ta' l-Awtorita` li d-decizjoni hija nkonkluziva bi ksur ta' l-**artikolu 39 (2) tal-Kap. 418,** jista' jigi milqugh. Konsegwentement anki dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**Is-sitt aggravju ta' l-Awtorita` - li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli hija nulla minhabba d-dewmien fl-ghoti tad-decizjoni**

Illi huwa pacifiku illi l-**Artikolu 40 (2) tal-Kap. 418** jghid *inter alia* illi decizjoni ghandha tinghata mill-Bord ta' l-Appelli sa mhux aktar tard minn sittin jum minn meta l-partijiet jiddikkjaraw li jkunu kkonkludew il-provi taghhom u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Illi dak li ma jghidx l-**Artikolu 40 (2)** (u lanqas kwalunkwe provediment iehor tal-ligi applikabbli) (ara Regolamenti dwar il-Procedura tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet (Avviz Legali 111 ta' l-2005)), huma <u>l-konsegwenzi</u> tan-nuqqas tal-Bord li jirrispetta t-terminu lilu preskritt bl-**Artikolu 40 (2).** <u>Imkien fil-ligi ma jinghad li jekk il-Bord ta' l-Appelli ma jaghtix id-decizjoni tieghu *entro* is-sittin jum, allura d-decizjoni ta' l-istess Bord tkun nulla.</u>
Illi s-sanzjoni ta' nullita` hija sanzjoni estrema u ghandha tinghata biss f'dawk il-kazijiet espressament kontemplati mil-ligi, u fil-kaz odjern il-ligi ma tikkontempla l-ebda nullita'.

Illi t-terminu ta' sittin jum gie prefiss biex prezubbilment id-decizjoni tal-Bord tinghata fi zmien ragonevoli. Jekk – ghall-grazzja ta' l-argument biss, ghaliex is-socjeta` esponenti tinnega dan – l-Awtorita` deherilha li jekk l-appell tas-socjeta` esponenti jigi milqugh *in toto* jew *in parte* wara t-trapass tat-terminu ta' sittin (60) gurnata, se jinfluwixxi hazin fis-suq, kien obbligu taghha bhala r-Regolatur tas-suq li tiehu l-passi necessarji skond il-ligi biex iggieghel lill-Bord jaghti d-decizjoni tieghu fit-terminu stipulat mil-ligi.

Jekk dan l-aggravju ta' l-Awtorita` jigi accettat ikun ifisser li se tinholoq sitwazzjoni fejn l-Awtorita` tista' toqghod passiva minkejja l-fatt li t-terminu ta' sittin jum ikun skada – ghax fi kwalunkwe kaz id-decizjoni taghha hija ezegwibbli pendenti l-appell (ara **Artikolu 42 (1) tal-Kap 418)** – u mbaghad jekk l-appell ikollu ezitu sfavorevoli

ghaliha teccepixxi n-nullita' tad-decizjoni! Din certament ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur.

Illi jekk dan l-aggravju jigi accettat ikun ifisser li jkunu qeghdin jigu miksura d-drittijiet fundamentali tas-socjeta` esponenti, ghaliex mhux biss ma tkunx inghatat smigh fi zmien ragonevoli, izda meta fl-ahhar tkun inghatat decizjoni favuriha, din id-decizjoni ma tkunx tista' tigi mplimentata.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, dan l-aggravju ta' l-Awtorita` huwa vag ghall-ahhar u ipotetiku, ghax kull ma l-Awtorita` tallega hu li *"d-dewmien fl-ghoti ta' decizjoni jista' jinfluwixxi b'mod hazin fuq is-suq".* Pero', l-Awtorita` appellata bl-ebda mod ma tipprova tispjega jew ipproduciet xi prova ta' fiex jista' jikkonsisti dan l-allegat pregudizzju potenzjali fis-suq.

Illi, jigi sottomess illi l-implimentazzjoni tad-decizjoni tal-Bord – anke jekk inghatat wara s-sittin (60) jum previst mil-ligi - m'huwa ser jikkaguna l-ebda pregudizzju fis-suq. Tant hu hekk, li wara li s-socjeta` esponenti pprezentat l-appell taghha mid-decizjoni ta' l-Awtorita` lill-Bord ta' l-Appelli fit-13 ta' Jannar 2005, fit-28 ta' Jannar 2005, is-socjeta` esponenti kitbet *lill-Managing Director* tal-Vodafone Malta Limited u lic-*Chief Executive Officer* tal-Mobile Communications Limited rispettivament – liema ittri kienu *inoltre* kkupjati lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` appellata - fejn is-socjeta` esponenti nfurmathom bl-appell li kienet ipprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli u ghamlitha cara illi: .

"... *[a]lthough future invoices issued by Maltacom for interconnection call termination rates will be calculated on the basis of the rates established by the MCA in the above-mentioned decision – as Maltacom is required by law to do, pending the appeal – I am sure you understand that if the appeal is successful, these interconnection rates can change with retrospective effect.*

*Hence any such future invoices for interconnection call termination rates are going to be sent to you without*

*prejudice to Maltacom's right to revise the same invoices in the future, should any competent authority decide that the said call termination rates should be higher than those established by the MCA in its above-mentioned decision. Maltacom is expressly reserving the right to request you to pay any difference that may consequently arise between the amount indicated in the invoices sent and the amount calculated according to any revised interconnection call termination rates. ".*

Kopja ta' dawn iz-zewg ittri qeghdin jigu annessi ma' din ir-risposta u mmarkati **Dok "VML1"** u **Dok "GO1"** rispettivament.

Illi fi kliem iehor, iz-zewg operaturi l-ohra li kien hemm fis-suq fiz-zmien li giet ippubblikata d-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' Dicembru 2004, li minnha gie interpost l-appell promotur tas-socjeta` esponenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli, kienu pjenament konxji tal-fatt li fil-futur ir-rati li huma kienu ser ihallsu lis-socjeta` esponenti *ai termini* ta' l-imsemmija decizjoni ta' l-Awtorita` setghu potenzjalment, (u cioe' jekk id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli tilqa' l-appell tal-Maltacom *in toto jew in parte),* joghlew b'effett retrospettiv.

Fid-dawl tas-suespost, l-allegazzjoni ta' l-Awtorita` ta' pregudizzju fis-suq potenzjali hija manifestament infondata.

Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi kollha gia` prodotti u ghas-sottomissjonijiet li gew minnha maghmula, u tirriserva li taghmel l-osservazzjonijiet u ggib dawk il-provi kollha permessi mil-ligi, titlob bir-rispett illi l-appell ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Awtorita` appellanti.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Go p.l.c. datat 29 ta' Novembru 2007 a fol. 40 tal-process fejn is-socjeta` esponenti talbet li din il-Qorti joghgobha tordna li l-isem "Maltacom p.l.c." jigi sostitwit bl-isem "GO p.l.c. kull fejn hu mehtieg fl-atti ta'

din il-kawza salv kull provediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras tat-12 ta' Dicembru 2007 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Paul Micallef in rapprezentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Dehret Dr. Marse-Anne Farrugia ghas-socjeta` appellata. Il-Qorti rat ir-rikors tad-29 ta' Novembru 2007 tas-socjeta` attrici. Laqghet it-talba u ordnat li wara isem tas-socjeta` attrici jizdiedu l-kliem "GO p.l.c.". Peress illi l-Imhallef sedenti huwa *shareholder* tas-socjeta` appellata, huwa opportun li ma ghandux jippresjedi l-appell anke minhabba n-natura u l-kwistjoni nvoluta. Il-Qorti rat l-artikolu 734 (a) tal-Kap 12 u l-istess Onorevoli Mhallef astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess appell u rrimetta l-process lir-Registratru tal-Qrati sabiex l-istess process jigi assenjat lil din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat is-surroga datata 26 ta' Dicembru 2007 a fol. 48 tal-process sabiex dan l-appell jinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta, u l-Qorti kif hekk presjeduta rriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghat-28 ta' Frar 2008.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-28 ta' Frar 2008 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Marse-Anne Farrugia ghas-socjeta` appellanti u rapprezentant ta' l-istess. Dr. Louis Cassar Pullicino msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Deher Dr. Paul Micallef bhala rapprezentant ta' l-Awtorita` appellata. L-appell gie pospost. Meta rega' ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u r-rapprezentanti rispettivi. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2008.

Rat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet datata 25 ta' Gunju 2007.

Rat l-atti kollha annessi mal-istess decizjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 41 (1) tal-Kap 418** li jipprovdi li hemm appell quddiem din il-Qorti minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar il-Komunikazzjonijiet fuq punt ta' ligi.

Illi l-appell ta' l-Awtorita` appellanti huwa limitatat ghal dik il-parti tad-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet "Maltacom plc vs Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni" datata 25 ta' Gunju 2007 fejn dan biddel id-decizjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (Awtorita`) datata 14 ta' Dicembru 2004 intitolata "*Interconnection Pricing review 2004/2005 – Decision Notice"* fis-sens li gie deciz li mal-*interconnection rates* u mal-*call origination rates* kellhom japplikaw u jigu adottati ukoll l-*access deficit contributions* (ADC) sottomessi mis-socjeta` appellata u dan ghaliex il-Bord sostna li Awtorita` cahdet it-talba ghall-applikazzjoni ta' tali mposti ta' ADC minghajr biss ma ezaminat it-talba ta' kumpens mis-socjeta` Maltacom u dan peress li l-Awtorita` kellha f'mohha li tibda process ta' revizzjoni ta' tariffi tal-istess socjeta` u ghalhekk l-istess Bord hass li tali talba giet rigettata mill-Awtorita` minghajr ma' l-istess Bord stabbilixxa jekk tali talba hijiex gustifikata u dan ghar-raguni li s-socjeta` appellanti kienet qed tibbenefika minn sitwazzjoni *de facto* ta' monopolju jew li b'mod generiku dan il-kumpens kien assorbit fl-ezercizzju ta' *tariff rebalancing* minghajr ma dawn l-asserzzjonijiet gew korroborati minn figuri jew fatti (para. 10 u 11) tad-decizjoni tal-25 ta' Gunju 2007.

Illi fil-fatt l-Awtorita` appellanti qed issostni li kien hemm ragunijiet legali ghaliex l-Awtorita` waslet ghal din id-decizjoni u dawn kienu li (a) l-applikazzjoni ta' l-istess huma kkunsidrati kontra l-ligi Ewropea abbazi tad-decizjoni tas-6 ta' Dicembru 2001 tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja u d-direttiva 97/33/EC, u allura s-socjeta` appellata kellha tapplika taht r-regim ta' *Universal Services Obligations* sabiex l-istess jigu rkuprati bhala

spejjez zejda; (b) fid-decizjoni tal-Awtorita` dwar *Universal Telecommunications Services – July 2003* talba ghall-infinanzjar ta’ l-ADC kellha ssir fl-ambitu ta’ l-istess decizjoni u regoli vigenti li kienu ghadhom applikabbli minhabba d-disposizzjonijiet transittorji tal-**Kap 399** u allura dan kellu jsir skond id-disposizzjoni tal-**artikoli 39 u 40 tal-Avviz Legali 151 tal-2000** li ppreceda l-**Avviz Legali 410** li dahal fis-sehh fl-14 ta’ Settembru 2004, tant li l-istess socjeta` kienet abbazi tal-istess regolamenti issottomettiet ir-rati taghha ghal ADC fl-10 ta’ Settembru 2004 (Dok. “MCA 3”), u allura l-ADC jista’ jsir biss fil-kuntest ta’ *Universal Service Funding* bil-mod kif deskritt f’pagna 6 ta’ l-appell odjern; u (c) dan apparti li dan imur kontra r-Rakkomdazzjoni 98/15/EC (Dok. “MLC 3”) fis-sens li ghar-ragunijiet hemm indikati dawn kellhom japplikaw biss sas-sena 2000 u ma kien hemm ebda koncessjoni ghal dan wara d-dhul ta’ Malta fl-Unjoni fl-1 ta’ Mejju 2004.

Illi ghalhekk f’dan is-sens l-istess Awtorita` appellata (a) qed issostni li l-Bord ghamel apprezzament zbaljata tal-ligi applikabbli ghall-kaz u (b) li effettivament il-Bord naqas li jaghti d-decizjonijiet tieghu fuq il-punti legali mqajjma u sottomessi mill-istess Awtorita` fosthom li sabiex jigu applikati r-rati ta’ l-ADC allura sottomessi fl-10 ta’ Settembru 2004 kellha tigi segwita l-procedura ndikata fl-**A.L.151 tas-sena 2000,** u (c) minhabba dan jirrizulta li l-istess Bord kiser id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 tal-Kap 418** peress li ma qisx il-merti tal-istess appell, u (d) u dan ukoll jammonta ghall-nuqqas ta’ smigh xieraq tal-istess appell; (e) li l-istess decizjoni hija nulla peress li ma hijiex konkluziva ghaliex fl-ahhar mill-ahhar ma ndikax jekk l-Awtorita` kellhiex tezamina t-talbiet mill-gdid jew taccetta r-rati kif originarjament sottomessi mis-socjeta`; u (f) fl-ahharnett li l-istess decizjoni hija nulla peress li d-decizjoni mill-Bord ta’ l-Appell inghatat kwazi sentejn minn meta l-kaz thalla ghad-decizjoni u dan meta jinghad fl-**artikolu 40 (2 tal-Kap 418** l-Bord kellu jaghti decizjoni fi zmien 60 gurnata minn meta l-partijiet jiddikjaraw li huma kkonkludew il-provi u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Illi s-socjeta` appellata laqghet ghal dan billi sostniet li d-decizjoni hija korretta peress li r-rata ta' ADC jista' jigi mpost bhala *surcharge* fuq *interconnection termination rates u interconnection call originating rates* u mhux permezz ta' talba ghall-kontribuzzjoni mill-*Universal Services Fund* li ghadu ma jezistix, peress li kontrarjament ghal dak sottomess mill-Awtorita` dan ma jmurx kontra r-Rakkomdazzjoni 98/195/EC (Dok, "MLC 3 Annex 1) u dan peress li din l-obbligazzjoni tikkontempla l-abolizzjoni ta' l-ADC sas-sena 2000 biss fejn it-tariffi gew sufficjentement bilancjati haga li ghadha ma saritx hawn Malta; fl-istess waqt tghid li skond l-istess rakkomandazzjoni dawn huma permessibbli fejn dawn huma necessarji bhala parti mill-ambjent regolatur tal-istat membru, u dawn huma permessibbli fejn hemm *"regulatory constraints on the retail tariffs of notified operators"*. Tghid li l-kaz citat tas-6 ta' Dicembru 2001 ma japplikax ghall-kaz in ezami ghaliex illum f'Malta s-suq huwa liberalizzat u b'hekk hija korretta d-decizjoni li s-socjeta` Maltacom ma setghatx tapplika taht l-USO. (b) dwar il-punt li l-Bord naqas li jinterpreta l-punti ta' ligi sottomessi s-socjeta` appellata sostniet li dan imur kontra l-ewwel aggravju peress li ma jistax jigi sostnut fl-istess nifs li kien hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi u fl-istess waqt jinghad li ma gewx ikkunsidrati l-punti legali sottomessi mill-partijiet jew l-Awtorita`; (c) l-istess jinghad ghall-aggravju li l-Bord naqas li jqis il-mertu tal-appell skond **l-artikolu 39 tal-Kap 418** b'dan li l-fatt li Bord ma accettax l-argumenti ta' l-Awtorita`, ma jfissirx illi l-istess artikolu ma giex osservat; (d) ma kien hemm ebda ksur tal-principju tal-gustizzja naturali ghaliex l-istess Bord ikkonsidra s-sottomissjonijiet tal-istess partijiet u ta d-decizjoni tieghu u dan ifisser li l-istess Bord kellu jimmotiva d-decizjoni tieghu u mhux li kellu jaghti *"a detailed answer to every argument".* (e) li d-decizjoni hija konkluziva peress li gie milqugh l-appell tas-socjeta` li fl-*interconnection termination rates* u l-*call originating rates* kellu jerga' jigi nkluz l-ADC u allura l-Awtorita` ghandha tiffissa l-istess rati fid-dawl tal-istess decizjoni; (f) dwar in-nullita' tad-decizjoni minhabba dewmien fl-ghoti taghha u li l-istess decizjoni ma nghatatx fit-terminu tal-**artikolu 40 (2) tal-Kap 418** dan ma jwassalx ghan-nullita' ta' l-istess decizjoni.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti taqbel li l-aggravji kollha hawn imsemmija huma punti ta' dritt li ghalihom hemm appell mill-istess Bord quddiem din il-Qorti skond id-disposizzjoni tal-**artikolu 41 (1) tal-Kap 418** u ghalhekk din il-Qorti sejra tipprocedi bil-konsiderazzjoni tal-istess.

Illi stabbilit dan kollu din il-Qorti ser titratta l-aggravji wiehed wiehed u ser tibda' mill-ahhar wiehed sottomess fejn qed jinghad li minhabba li l-istess decizjoni tal-Bord ma inghatatx fit-terminu indikat fl-**artikolu 40 (2) tal-Kap 418** tali decizjoni hija nulla. Huwa veru li l-istess artikolu jipprovdi li decizjoni finali ghandha tinghata mhux aktar tard minn sittin (60) jum minn meta l-partijiet jiddikjaraw li ghalqu l-provi u ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom, u fil-fatt jidher li d-decizjoni inghatat fis-26 ta' Gunju 2007 u cjoe' kwazi sentejn wara li l-partijiet trattaw finalment il-kaz fis-17 ta' Gunju 2005, izda ma jirrizultax espressament minn xi disposizzjoni tal-ligi li dan iwassal sabiex l-istess decizjoni jekk ma tinghatax f'tali terminu tigi ddikjarata nulla u ghalhekk l-appell fuq din il-bazi qed jigi michud, ghalkemm din il-Qorti bl-ebda mod ma taqbel li ghandu jkun hemm dan id-dewmien fl-ghoti ta' decizjoni, iktar u iktar tenut kont skond id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Illi fil-kuntest ta' dan l-aggravju jinghad ukoll li l-appell ta' l-istess Awtorita` huwa limitat ghal parti biss mid-decizjoni tal-istess Bord, fil-waqt li jidher li l-istess Awtorita` accettat l-istess decizjoni fejn l-Bord qabel mas-sottomissjonijiet taghha, u ghalhekk dan ukoll ghandu jwassal sabiex dan l-aggravju jigi michud.

Illi dwar l-aggravju li d-decizjoni hija nulla peress li ma hijiex konkluziva fis-sens fl-istess decizjoni l-Bord, minkejja li accetta l-applikazzjoni tar-rati ta' ADC fil-kuntest hemm indikat, naqas li jindika jekk l-Awtorita` ghandhiex tezamina t-talbiet mill-gdid jew inkella taccetta dawk originarjament sottomessi mill-Awtorita`, din il-Qorti thoss li dan l-ilment lanqas ma huwa gustifikat ghaliex mill-istess decizjoni jirrizulta li l-Bord irrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-Awtorita` datata 14 ta' Dicembru 2004 limitatament fejn l-istess kienet iddecidiet li ma tapprovax

l-istess rati ta’ ADC, u kkonfermat il-kumplament tad-decizjoni tal-istess Awtorita`. Ghalhekk l-aggustament li jrid isir skond l-istess decizjoni huwa biss li tigi applikata r-rata ta’ ADC allura milqugha mill-Bord u dan fil-kuntest tad-decizjonijiet l-ohra tal-istess Awtorita` li gew ikkonfermati – u allura kull ma jrid isir huwa li jigu ffisati mill-gdid l-*interconnection termination rates u interconnection call originating rates* fid-dawl li l-Bord accetta li ghandu jkun hemm fuq l-istess rati rata ohra ta’ ADC u dan dejjem fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet kollha hemm maghmula li kkonfermaw id-decizjonijiet l-ohra ta’ l-Awtorita`. Jekk dan kienx skond il-ligi jew le huwa punt iehor li ser jigi trattat iktar il-quddiem f’din id-decizjoni, pero’ dak li din il-Qorti qed tiddeciedi in konnessjoni ma’ dan l-aggravju huwa li ma hemm l-ebda nuqqas fl-istess sentenza kif sottomess mill-Awtorita` appellanti li jannulla l-istess decizjoni ghaliex l-istess decizjoni pprovdiet bil-mod taghha u definittiv kif l-Awtorita` ghandha timxi fl-iffissar tal-istess rati u l-mod kif ghandha tigi kkonsidrata r-rati tal-ADC  sabiex jigu stabbiliti r-rati ndikati fuq *interconnection termination rates* u l-*interconnection call origination rates.*  B’hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll michud ghaliex f’dan is-sens id-decizjoni hija konkluziva.

Illi r-raba’ aggravju li hemm ksur tal-principji ta’ gustizzja naturali u ghalhekk l-istess sentenza tal-Bord hija nulla ghaliex ma hijiex motivata u dan dejjem b’riferiment ghad-decizjoni fejn l-istess Bord laqa’ t-talba tas-socjeta` hawn appellata sabiex l-*ADC charge* jigi approvat, din il-Qorti thoss li effettivament mill-istess decizjoni tal-Bord ma jirrizultax li din effettivament trattat is-sottomissjonijiet legali sottomessi mill-partijiet quddiemha u certament bl-ebda mod ma indikat liema ligi u/jew regolamenti lokali u direttivi tal-Unjoni Ewropea huma applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Illi din il-Qorti thoss li kull ma ghamel il-Bord kien biss li b’mod telegrafiku elenka s-sottomissjonijiet legali tal-partijiet dwar l-appell quddiemu, izda hlief li b’riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea citata jidher li implika li din id-decizjoni ma tapplikax ghall-kaz in ezami ghaliex is-socjeta` Maltacom kellha biss monopolju *de facto,* ma gie

kkunsidarat l-ebda punt legali mqajjem mill-partijiet u dan kien jinkludi l-punt baziku jekk l-ADC hijiex illum permessibbli taht il-Ligi Ewropea jew jekk tali rata ta' ADC tistax jigi accettata skond it-termini vigenti tal-ligijiet lokali u Ewropea, u mhux l-inqas jekk tali ADC jistax jigi kkunsidrat bhala rata permessibbli *ut sic* jew taqax taht il-provizzjonijiet dwar *Universal Service Operator* (USO) u allura ghall-istess ma japplikawx id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 34 u 36 tar-Regolamenti tas-sena 2004** li giet citata proprju mill-*"Interconnection Pricing Review – 2004 – 2005 – Decision Notice – December 2004"* fid-decizjoni li kienet il-mertu ta' l-appell quddiemha jew xi regolamenti ohra mhux l-inqas l-applikazzjoni tal-**artikolu 39 u 40 ta' l-A. L. 151 tat-2000** u dan anke fid-dawl tad-decizjoni tal-Awtorita` stess ta' Mejju 2003 li kienet halliet dak iz-zmien l-istess *ADC charges* biss bhala mekkanismu transitorju b'riserva li d-decizjoni taghha tigi riveduta fis-sena 2004 kif jidher li sar.

Illi dan huwa iktar u iktar huwa relevanti *in vista* tad-disposizzjonijiet transitorji tal-**artikolu 38 (2) u (3) tal-Kap 399** fejn jinghad li kemm regolamenti u decizjonijiet li kienu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2004 ghandhom jibqghu fis-sehh sakemm ma jithassrux jew jigu emendati u li jindika li kull sottomissjoni ghall-iffinanzjar tal-*Access deficit* kellha ssir fl-ambitu tad-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar il-*Universal Telecomunications Services* – July 2003 li kienet segwiet id-decizjoni tal-istess Awtorita` ta' Mejju 2003 – li dejjem ikkonsidrat l-istess *charge* bhala *transitional mechanism.*

Illi fil-fatt minn harsa tal-istess decizjoni ma jirrizultax li l-Bord ikkonsidra jew b'xi mod tratta dawn id-disposizzjonijiet legali jew id-direttivi Ewropej imsemmija mill-partijiet rispettivi taghhom anke fl-atti tal-appell, tant li kull ma hemm fl-istess decizjoni tal-Bord huwa biss li skond l-istess Bord l-istess Awtorita` ma kellhiex tichad it-talba ghall-kumpens qabel ma tezamina l-istess talba u dan ghaliex inghad li l-Awtorita` kellha f'mohha li tibda process ta' revizzjoni ta' tariffi (process li fil-fatt kien gja inbeda); f'dan il-kuntest l-istess Bord sostna li l-Awtorita` agixxiet b'mod irragonevoli ghaliex lanqas biss ezamina l-istess talba sabiex jara jekk hijiex gustifikata u dan biss

ghaliex ibbaza d-decizjoni tieghu fuq l-premessa li s-socjeta` Maltacom ghandha sitwazzjoni ta' *de facto* monopolju u li dan il-kumpens kien assorbiet f'ezercizzju ta' *re-balancing* minghajr ma' l-istess asserzjonijiet gew ikkorroborati b'xi figuri.

Illi certamant li dak li nghad mill-istess Bord bl-ebda mod ma' jista' jigi kkunsidrat li huwa konsiderazzjoni jew motivazzjoni tas-sottomissjonijiet legali maghmula quddiemu mill-partijiet; anzi din il-Qorti thoss li tali tip ta' decizjoni bl-ebda mod ma bdiet biex tikkonsidra l-istess sottomissjonijiet legali u ghalhekk din il-Qorti thoss li dan irendi l-istess decizjoni dwar l-ADC bla ebda motivazzjoni legali kwalunkwe u ghalhekk nulla u bla effett.

Illi din ma hijiex kwistjoni semplici li t-tribunal naqas li jaghti risposta dettaljata ghal kull argument (**"Van de Hurk vs The Netherlands" –** Q.E, - 19 ta' April 2004) izda li effettivament l-istess decizjoni hija bla motivazzjoni ghax naqset li titratta u tiddeciedi dwar dak sottomess lilha mill-partijiet.

Illi din id-decizjoni qed tittiehed fis-sens li huwa guridikament pacifiku li decizjoni ta' tribunal amministrattiv ghandha tkun motivata sufficjentement, mhux biss ghax hekk tirrikjedi t-trasparenza, izda wkoll biex il-parti li titlef tinghata sodisfazzjon sufficjenti ghaliex it-tribunal in kwistjoni jkun wasal ghad-decizjoni tieghu u biex jekk ma taqbilx mad-decizjoni tieghu tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi **("Victor Debrincat vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.C. – 16 ta' Dicembru 2003).

Illi dan ma jfissirx li decizjoni ghandha tindirizza kull lamentela li tkun tresqet quddiemu, izda ma hemm l-ebda dubju li l-istess Tribunal ghandu d-dmir u l-obbligu li jiddeciedi kwistjoni ta' natura legali li tresqet quddiemu u li kienet rilevanti biex il-kaz jigi gustament deciz **("Avukat Pio Valletta vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.C. – 28 ta' Gunju 2002). F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li sabiex isir dan l-istess tribunal kollha, gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi ghandhom jikkonsidraw u jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni

quddiemu u f'dan kemm fil-kuntest tat-talba u l-opposizzjoni li ssir kontra l-istess talba, b'dan li fil-kuntest odjern l-aggravji u s-sottomissjonijiet ta' natura legali mressqa mill-partijiet kellhom mhux biss jigu elenkati izda determinati u b'hekk biss jista' jinghad li decizjoni f'dan il-kuntest tkun verament motivata **("Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** – A.C. – 4 ta' Marzu 2002; **"Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa"** – A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004). Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm ma huwiex mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata u fil-fond, pero' min-naha l-ohra ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza ghandu jigi sfjorat u anke sorvolat b'deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u injorar ta' konsiderandi fil-provi attenti jew tal-principji legali proposti **("Albert Degiorgio vs Loris Bianchi et"** – A.I.C. (PS) – 23 ta' Jannar 2004).

Illi hekk fid-decizjoni **"Michael Gatt vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti decizjoni taghhom u mhux jisfjorhom jew jinjorahom ghaliex altrimenti dan fih innifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjoni ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess u fin-nuqqas ta' l-istess, l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekja mill-elementi ta' smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b'hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiemha **("Marie Louis Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006; **"Philip Micallef vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007; **"Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) –

28 ta’ April 2008; **“Victor Borg vs l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** – A.I.C. (RCP) – 31 ta’ Mejju 2007).

Illi f’dan il-kaz kull ma sar kien biss li kienu ndikati xi whud mill-principji legali avvanzati minn kull parti mmirati sabiex tigi deciza l-applikazzjoni tal-ligi ghall-kwistjoni tar-rati ta’ l-ADC minghajr ma l-istess principji legali ma gew b’xi mod investiti, trattati jew studjati taht xi aspett taghhom, tant li d-decizjoni ttiehdet minghajr ma saret xi riferenza ghal xi ligi, regolament, jew decizjoni tal-Awtorita`, (hlief li jidher li gie ndikat li d-decizjoni hemm citata tal-Qorti Ewropea ma kinitx tapplika ghall-kaz in ezami peress li l-Bord sostna li l-Awtorita` fid-decizjoni taghha ndikat l-applikazzjoni tal-istess decizjoni fil-konfront tal-Maltacom peress li din kellha *de facto* monopolju, mentri l-Bord indika li l-monopolju legali spicca fl-1 ta’ Jannar 2003), u b’hekk li bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-punti ta’ ligi sollevati mill-partijiet u li kienu jifformaw il-mertu veru tal-appell quddiem l-istess Bord, jista’ jinghad li gew minimament ikkonsidrati. Din ma hijiex kwistjoni ta’ mankanza ta’ xi ezami profond, jew xi motivazzjoni b’mod telegrafiku, izda mankanza totali li l-istess Bord jittratta u jikkonsidra u jghati decizjoni motivata fuq il-punti legali esposti quddiemu mill-istess partijiet b’dan li certament dak kontenut f’paragrafi 2 sa 12 ma jistax jinghad li l-istess punti legali sottomessi gew b’xi mod investiti, trattati u decizi u l-konkluzjoni raggunta f’para 11 u 12 tal-istess decizjoni ma ghandha ebda spjegazzjoni legali u l-ebda referenza ghall-ligijiet, direttivi, jew decizjonijiet applikabbli u din meta l-Bord stess jirrizulta li kien konxju tal-istess punti legali tant li elenka whud minnhom. B’hekk dan ir-raba’ aggravju qed jigi milqugh ghaliex hemm ksur tal-principji tal-gustizzja naturali.

Illi ghall-istess raguni t-tielet aggravju qed jigi milqugh ukoll peress li jidher li l-istess Bord fid-decizjoni tieghu naqas li jqis il-mertu ta’ l-appell u b’hekk mar kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 (1) tal-Kap 418** peress li minn dak li inghad f’din is-sentenza l-mertu veru tal-appell quddiem l-istess Bord f’dak koncernanti l-applikazzjoni *o meno* tar-rati ta’ l-ADC, u l-principji legali hemm involuti bl-

ebda mod ma jista' jinghad li gie ezaminat u wisq inqas spjegat fl-istess sentenza b'dan li allura jsegwi li l-mertu tal-appell ma giex effettivament ikkunsidrat u deciz.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li t-tieni aggravju tal-Awtorita` appellanti fis-sens li l-Bord naqas li jinterpreta l-punti ta' ligi sollevati mill-Awtorita` appellata fir-risposta taghhom huwa wkoll korrett u fil-verita' l-istess Bord naqas li jittratta kull sottomissjoni legali mressqa quddiemu miz-zewg partijiet, anke bil-mod kif gja ndikat f'din is-sentenza hlief ghal dak li jidher li ntqal dwar l-applikazzjoni tad-decizjoni hemm citata tal-Qorti Ewropea fil-konfront tas-socjeta` appellata. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta` appellata dwar dan l-aggravju u fejn hija ssostni li fil-fatt il-Bord iddecieda li ma kinitx korretta s-sottomissjoni tal-Awtorita` li s-socjeta` Maltacom  kellha ssegwi l-procedura stabbilita fl-**Avviz Legali 151/2000** sabiex tigi rimborsata ghall-*access deficit* u dan peress li fl-istess decizjoni l-istess Bord bla ebda mod ma qal dan u ghalhekk din hija u tibqa' biss inferenza mill-fatt li l-Bord ghazel li jiddeciedi li r-rata ta' l-ADC ghandha tigi adottata; anzi l-istess Bord ma pprunzja ruhu bl-ebda mod fuq l-ebda wiehed mill-punti legali mqajjma miz-zewg partijiet, b'dan li din il-Qorti thoss li l-istess Bord naqas milli jinterpreta taht kull aspett il-punti legali sollevati mill-Awtorita` – anzi din il-Qorti thoss li l-Bord ma nvesta l-ebda punt legali nkluzi dawk sottomessi mis-socjeta` appellata odjerna. B'hekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li l-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami hija dik li skond id-disposizzjonijiet transatorji fil-**Kap 399** d-decizjonijiet li kienu *in vigore* fl-1 ta' Mejju 2004 ghandhom japplikaw sakemm l-istess ma jithassrux u ma jigux emendati, b'dan ghalhekk li fil-kuntest tal-kaz odjern dan ifisser li abbazi tad-decizjoni ta' l-Awtorita` dwar il-*Universal Telecommunications Services – July 2003,* gie deciz li kwalunkwe talba ghall-iffinanzjar ta' ADC kellu jsir fl-ambitu ta' l-istess decizjoni u tar-regoli vigenti, li f'dan il-kaz kienu dawk skond id-disposizzjonijiet tar-**regolamenti 39 u 40 tal-A.L. 151 tal-2000,** b'dan allura li la darba l-istess socjeta` ssottomettiet ir-rata ta' l-*access deficit*

*contribution* fil-10 ta' Settembru 2004 dawn kellhom jigu sottomessi separatament taht id-disposizzjonijiet tal-istess Avviz Legali u b'hekk dan kellu jsir fil-kuntest ta' *Universal Service Funding* skond it-termini tal-istess artikoli msemmija u dan anke peress li kif ikkonstatat l-istess Awtorita` l-process ta' *tariff rebalancing* gja beda jsir tant li gew awtorizzati zidiet sostanzjonali fil-*line rentals* u revizzjoni ta' tariffi lokali u dawk ta' barra li gew fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2004 (Dok. "MLC 6"), u l-istess *tariff rebalancing* kellu jkompli bhala parti mill-RPI-X *price cap* u dan ukoll kif indikat fl-istess decizjoni tal-Awtorita` (pagna 6) para 2.2. fejn l-istess ikkonfermat li l-process ta' *Tariff Rebalancing* kien qed jigi attwat dejjem fil-kuntest lokali u in konsiderazzjoni tal-posizzjoni tal-istess socjeta` appellata ghall-provista ta' *fixed rate telephony* u dan *in vista* tad-decizjoni ta' Mejju 2003 li l-Awtorita` irriservat li tirrevedi fis-sena 2004 proprju wkoll minhabba dan *it-tariff rebalancing.*

Illi fit-tieni lok jirrizulta li gja f'Mejju 2003 r-rati ta' ADC gew ikkunsidrati bhala *"a transitional mechanism"* (Dok. "MCA 4"); u la darba s-socjeta` appellata giet minhabba l-posizzjoni taghha mahtura bhala organizazzjoni bl-obbligu ta' *Universal Service Obligation* (USO) skond decizjoni intitolata *"Universal Telecomunications Services – Report on Consultation and Decision – July 2003"* (Dok. "MCA 1"), decizjoni li qatt ma gie kontestat mis-socjeta` appellata, kull talba ghall-*"costs jew associated justification for USO funding for the period commencing from the date of the publication of this Decision"* kellu jsir *on a case by case basis* u fid-dawl tal-prattici tal-E.U u tant li fl-istess decizjoni jinghad li fil-kaz li *"net cost of providing the USOs represents an unfair burdern on the designated operators the MCA may consider an appropriate method of funding, taking into consideration the market situation at that stage.* ***<u>The MCA reserves the right to reject any application for funding USOs after considering all relevant factors".</u>*** Kien f'dan il-kuntest biss li thallew dak in-nhar jigu mposti r-rati ta' ADC u jidher car li d-decizjoni ta' Lulju 2003 esigiet li talbiet simili kellhom jigu kkunsidrati fid-dawl tal-istess decizjoni u skond ir-regolamenti vigenti ("MCA 1").

Illi fil-kuntest tal-kaz odjern jidher li l-Maltacom ma segwietx din il-procedura u b'hekk din kellha in kwantu jirreferu ghar-rati ta' ADC sottomessi minnha fil-10 ta' Settembru 2004 isegwi kemm id-decizjonijiet fuq ndikati u kif ukoll l-procedura skond ir-regolamenti indikati fl-**A.L. 151 tal-2000** (applikabbli bid-disposizzjonijiet transitorji tal-**Kap 399**). Allura huwa car li d-decizjonijiet tal-Bord kienu konsistenti fis-sens li kkonsidraw tali applikazzjoni ta' *ADC charges* dejjem bhala mizuri ta' natura transitorja u wkoll li talbiet simili fil-futur kellhom jigu decizi *on a case to case basis* u taht l-iskema ta' kontribuzzjonijiet ta' *Universal Service Obligations* b'dan li ma jistax jinghad li bid-decizjonijiet li hadet l-istess Awtorita` hija b'xi mod accettat li l-*ADC charges* imposti huma *"part of the regulatory environment in a member state"* u l-enfazi li l-Awtorita` ghamlet f'kull decizjoni li dawn kienu mizuri biss ta' natura transitorji jikkonfermaw dan.

Illi dan ifisser li talbiet simili kellhom isiru skond l-istess decizjoni u skond il-ligijiet applilkabbli dak in-nhar u cjoe' l-imsemmija **A.L. 151 tal-2000** u specifikatament ir-**regolamenti 39 u 40** tal-istess la darba r-rati gew sottomessi fl-10 ta' Settembru 2004 u la darba dan ma sarx allura jkun ifisser li tali talba llum ghandha ssir taht l-iskema ta' kontribuzzjonijiet ta' *Universal Service Obligations* skond ir-**regolamenti 34 u 36 tal-A.L. 214 tal-2004** li bdew japplikaw mill-14 ta' Settembru 2004 u f'dan is-sens allura d-decizjoni tal-Awtorita` tal-14 ta' Dicembru 2004 hija korretta anke meta tirreferi ghall-istess regolamenti.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti thoss li tali mposizzjoni ta' rati ta' ADC huma kontra d-direttivi tal-Unjoni Ewropea u dan peress li tali skemi kellhom ikunu applikabbli biss skond ir-Rakkomandazzjoni 98/14/EC sas-sena 2000 (Dok. "MLC 3") u ma jirrizultax li wara d-dhul fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 Malta inghatat xi koncessjoni dwar l-istess; li skond ir- Rakkomandazzjoni 98/195/EC tali skemi ta' ADC kellhom biss jigu applikati b'mod temporanju u transitorju sas-sena 2000; skond d-Dok. "MCA 5" tali rata ta' ADC ma tistax tigi determinata mis-socjeta` appellata kif gara

f'dan il-kaz izda hija dejjem l-Awtorita` li tiddeciedi jekk din ghandhiex tigi ikkunsidrata bhala finanzjament li ghandu jigi provdut taht *Universal Service Fund*, jew taht skema ta' *supplementary charges* li jigu determinati biss mill-Awtorita` u dan huwa konformi mad-decizjonijiet tal-Awtorita` lokali fuq imsemmija; u fl-ahharnett jirrizulta li d-decizjoni **"Commission vs France"** (E.C. 6.12.2001) dwar l-applikazzjoni anke tal-**artikolu 5 (1) (2) (3) (4) (5) tad-direttiva 97/33/EC** tapplika ghall-kaz odjern peress li effettivament kull decizjoni tal-Awtorita` sa dak in-nhar kienet fis-sens li dak li kien accettat qabel kien biss bhala mizura transitorja li hija dejjem irriservat li tbiddel, li kull kaz kellu jigi deciz *"on a case by case basis"* u li talba simili fil-futur kellha tigi kkunsidrata taht l-iskema ta' kontribuzzjonijiet ta' *Universal Service Obligations* u dan huwa importanti ghaliex taht dan l-iffinanzjar ta' *universal services* huma biss l-ispejjez netti li jistghu jigu kkunsidrati u dan allura jrid jiehu in konsiderazzjoni l-beneficcji li l-istess *USO provider* tkun hadet minhabba l-posizzjoni taghha nkluzi allura dawk indikati bhala paragrafi (i) (ii) u (iii) f'pagna 6 ta' dan l-appell ta' l-Awtorita`, haga li l-istess socjeta` appellata ma ghamlitx; u dan apparti li meta saret it-talba l-Maltacom kellha *de facto* monopolju fuq l-access ghall-utenti u fuq it-telefonati li jsiru fuq il-linji fissi.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti tilqa' t-talba tal-Awtorita` appellanti b'dan li tirriforma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet (Appell Numru 1 ta' tal-2005) tal-25 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet premessi u dan inkwantu l-istess decizjoni f'paragrafi 10 u 12 taghha annullat l-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` datata 14 ta' Dicembru 2004 intitolata *"Interconnection Pricing Review 2004/2005 Decision Notice, December 2004"*, liema parti kienet tirrigwarda l-*access deficit contribution* u tiddeciedi billi minflok tikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` tal-14 ta' Dicembru 2004 billi tichad u ma tapprovax ir-rati ta' ADC sottomessi mis-socjeta` appellata kemm ghal dawk li huma *interconnection termination rates u l-interconnection call origination rates.*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata kontenuti fir-risposta taghha ghal dan l-appell datata 13 ta' Awissu 2007 u dan in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni fir-rikors taghha datat 20 ta' Lulju 2007** b'dan li abbazi ta' dak premess tirriforma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet (Appell Numru 1 ta' tal-2005) tal-25 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet premessi u dan inkwantu l-istess decizjoni f'paragrafi 10 u 12 taghha annullat il-parti tad-decizjoni ta' l-Awtorita` datata 14 ta' Dicembru 2004 intitolata "*Interconnection Pricing Review 2004/2005 Decision Notice, December 2004"*, liema parti kienet tirrigwarda l-*access deficit contribution* u tiddeciedi billi minflok tikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` tal-14 ta' Dicembru 2004 billi tichad it-talba tas-socjeta` appellata ghall-imposizzjoni tar-rati ADC u b'hekk ma tapprovax ir-rati ta' ADC sottomessi mis-socjeta` appellata kemm ghal dawk li huma *interconnection termination rates u l-interconnection call origination rates* u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` fil-kaz fl-ismijiet premessi tal-14 ta' Dicembru 2004 fejn cahdet l-applikazzjoni tal-istess rati ta' *access deficit contribution* (ADC).

Bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra s-socjeta` appellata Maltacom plc llum Go plc.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------